



Gwida għall-iskema tal-SMEs

(applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025)

Dikjarazzjoni ta' każda ta' responsabbiltà: Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex legalment vinkolanti u jinkludu biss gwida Prattika u informali dwar kif il-liġi tal-UE għandha tiġi applikata abbażi tal-fehmiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

KUMMISSJONI EWROPEA

Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali
Direttorat C — Tassazzjoni Indiretta u Awtorità tat-Taxxa
Unità C.1 — Politika dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

Kuntatt: taxud-unit-c1@ec.europa.eu

*Kummissjoni Ewropea
B-1049 Brussell*

Settembru 2024

Dan id-dokument tħejja għall-Kummissjoni Ewropea iżda jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għall-ebda konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat taħt liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata kreditu xieraq u li jiġi indikat kull tibdil.

Werrej

Werrej	1
Informazzjoni ġenerali dwar din il-gwida	3
Sfond	4
1. Informazzjoni ġenerali dwar l-iskema tal-SMEs	7
1.1. Min jista' japplika l-eżenzjoni tal-iskema tal-SMEs?	7
1.2. Liema huwa l-Istat Membru tal-istabbiliment?	7
1.3. Persuna taxxabli stabbilita fi Stat Membru tista' tapplika l-iskema tal-SMEs fi Stat Membru ieħor fejn għandha stabbiliment fiss jew numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT mingħajr stabbiliment fiss?	8
1.4. Tista' persuna taxxabli stabbilita f'pajjiż mhux tal-UE bi stabbiliment fiss fi Stat Membru tapplika l-iskema tal-SMEs?	8
1.5. Liema tranżazzjonijiet jistgħu jiġu koperti mill-iskema tal-SMEs?	9
1.6. Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali?	9
1.7. Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali fl-Unjoni?	10
1.8. Tista' persuna taxxabli rreġistrata għall-iskema tal-Unjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz (OSS) tapplika wkoll l-iskema tal-SMEs?	13
1.9. Persuna taxxabli rreġistrata għall-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet (IOSS) tista' tapplika l-iskema tal-SMEs?	14
2. Skema domestika tal-SMEs	15
2.1. Aċċess għall-iskema domestika tal-SMEs.....	15
2.1.1. X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema domestika tal-SMEs?	15
2.1.2. Kif tirreġistra għall-iskema domestika tal-SMEs?.....	17
2.2. Obbligi formali.....	17
2.3. Il-ħruġ mill-iskema domestika tal-SMEs.....	18
2.3.1. Waqfien	18
2.3.2. Esklużjoni.....	19
3. Skema transfruntiera tal-SMEs	24
3.1. Aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs	24
3.1.1. Min huwa eliġibbli biex japplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs?	24
3.1.2. X'inhuma l-kundizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs?	25
3.2. Reġistrazzjoni	30
3.2.1. Kif tirreġistra għall-iskema transfruntiera tal-SMEs?	30

3.2.2.	X'informazzjoni għandha tiġi inkluża fin-notifika minn qabel?	30
3.2.3.	F'liema munita għandhom jiġu ddenominati l-valuri tan-notifika minn qabel?	33
3.2.4.	Kemm idum il-proċess tar-reġistrazzjoni?.....	33
3.2.5.	Meta se tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni (data tal-bidu)?.....	35
3.2.6.	Jista' jsir appell kontra deċiżjoni ta' rifjut?.....	36
3.2.7.	Persuna taxxabbli tista' tapplika biex tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru jew fi Stati Membri għajr dawk indikati fin-notifika minn qabel?	36
3.2.8.	X'jiġri jekk l-informazzjoni fin-notifika minn qabel tkun ħażina jew mhux kompluta?	38
3.2.9.	X'għandu jsir meta jinbidel l-Istat Membru tal-istabbiliment?	38
3.2.10.	Jistgħu jsiru emendi oħra għan-notifika minn qabel?	39
3.3.	Obbligi formali.....	39
3.3.1.	X'obbligi ta' rapportar se tiffaċċja l-persuna taxxabbli skont l-iskema transfruntiera tal-SMEs?	39
3.3.2.	X'valuri għandhom jiġu inklużi fl-ewwel rapport trimestrali?.....	40
3.3.3.	X'jiġri jekk l-informazzjoni fir-rapport trimestrali tkun żbaljata? (korrezzjoni tar-rapporti trimestrali).....	42
3.3.4.	X'jiġri jekk ir-rapporti trimestrali ma jiġux sottomessi jew jiġu sottomessi tard?	42
3.3.5.	Il-persuna taxxabbli għandha toħroġ fatturi?	43
3.3.6.	Il-persuna taxxabbli għandha tkun irreġistrata u tissottometti dikjarazzjonijiet tal-VAT? ..	43
3.4.	Il-ħruġ mill-iskema transfruntiera tal-SMEs	43
3.4.1.	Waqfien	44
3.4.2.	Esklużjoni	45
4.	Tnaqqis tal-VAT tal-input	52
4.1.	Skema domestika tal-SMEs	52
4.2.	Skema transfruntiera tal-SMEs	54

Informazzjoni ġenerali dwar din il-gwida

Din il-gwida għandha l-għan li tipprovdi fehim aħjar tal-leġislazzjoni tal-UE¹ relatata mar-regoli l-ġodda dwar l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar applikabbli mill-1 ta' Jannar 2025 kif ukoll li tiċċara l-applikazzjoni Prattika ta' dawn ir-regoli.

Il-gwida hija prinċipalment indirizzata lill-impriżi ż-żgħar interessati fl-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, li permezz tal-gwida se jsibu l-elementi ewlenin tal-funzjonament tal-iskema speċjali.

Din il-gwida mhijiex legalment vinkolanti u hija biss gwida Prattika u informali dwar kif il-liġi tal-UE għandha tiġi applikata abbażi tal-fehmiet tad-DĠ TAXUD.

Il-ħidma fuq din il-gwida għadha għaddejja: la hija eżawrjenti u lanqas prodott finali iżda tirrifletti s-sitwazzjoni attwali f'ċertu mument f'konformità mal-għarfien u l-esperjenza disponibbli f'dak iż-żmien. Fuq perjodu ta' żmien, huwa mistenni li elementi addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa.

¹ **Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285** tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2007 tas-16 ta' Novembru 2021 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar

Sfond

L-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-iskema tal-SMEs") għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mġarrba mill-impriżi ż-żgħar, li huma proporzjonalment ogħla minn dawk imġarrba min-negozji l-kbar minħabba r-riżorsi aktar limitati tagħhom biex ilaħħqu mal-kumplessità u l-frammentazzjoni tas-sistema tal-VAT fl-UE.

Qabel l-emenda tad-Direttiva tal-VAT rigward l-iskema tal-SMEs (li se tapplika mill-1 ta' Jannar 2025), l-impriżi ż-żgħar jistgħu jibbenefikaw biss minn eżenzjoni taħt l-iskema tal-SMEs jekk ikunu stabbiliti fl-Istat Membru fejn kienet dovuta l-VAT. B'riżultat ta' dan, l-impriżi ż-żgħar li jagħmlu tranżazzjonijiet fi Stati Membri fejn ma kinux stabbiliti kellhom jirreġistraw u jissodisfaw l-obbligi tal-VAT (jissottomettu dikjarazzjonijiet perjodiċi tal-VAT, joħroġu fatturi sħaħ, iħallsu l-VAT eċċ.) f'kull Stat Membru fejn kienet dovuta l-VAT. Dan kellu effett negattiv fuq il-kompetittività fis-suq intern għall-kumpaniji mhux stabbiliti fl-Istat Membru fejn il-VAT kienet dovuta meta mqabbla ma' dawk stabbiliti hemmhekk, u dan għamilha neċessarja li jiġu emendati r-regoli li jirregolaw l-iskema speċjali.

Għalhekk, **mill-1 ta' Jannar 2025**, l-iskema tal-SMEs se tippermetti wkoll lill-persuni taxxabli stabbiliti fi Stat Membru **jeżentaw mill-VAT** il-provvisti ta' oġġetti u servizzi magħmula fl-Istati Membri fejn mhumiex stabbiliti u jibbenefikaw minn obbligi tal-VAT simplifikati dment li l-fatturat annwali tagħhom f'dawk l-Istati Membri ma jaqbiż il-livell limitu nazzjonali u l-fatturat annwali tagħhom fl-Unjoni ma jaqbiż l-ammont ta' EUR 100,000. Għalhekk, **kemm il-persuni taxxabli stabbiliti fl-Istat Membru fejn hija dovuta l-VAT kif ukoll dawk stabbiliti fi Stat Membru ieħor se jkunu eliġibbli għall-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru fejn hija dovuta l-VAT**. Il-persuni taxxabli ma jistgħux inaqqsu l-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħhom ta' oġġetti u servizzi użati għal tranżazzjonijiet koperti mill-iskema tal-SMEs.

Għalhekk tista' ssir distinzjoni bejn żewġ livelli ta' applikazzjoni:

- a) Fil-livell domestiku: l-applikazzjoni tal-iskema speċjali minn impriżi żgħar biss fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom.
- b) Transfruntiera: l-applikazzjoni tal-iskema speċjali minn impriżi żgħar fi Stat Membru wieħed jew aktar minbarra l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom, kemm jekk l-iskema tal-SMEs tiġi applikata fil-livell domestiku kif ukoll jekk le.

Il-persuni taxxabli li jixtiequ jagħmlu użu mill-eżenzjoni fi Stat Membru li fih ma jkunux stabbiliti jkollhom jissottomettu notifika minn qabel lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. Sabiex jiksbu aċċess għall-eżenzjoni, tali persuni taxxabli l-ewwel iridu jiġu **identifikati b'numru individwali bis-suffiss "EX" fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom biss**.

Il-persuni taxxabbli li jibbenefikaw mill-eżenzjoni fi Stat Membru li fih ma jkunux stabbiliti jridu **jirrapportaw għal kull trimestru kalendarju** l-fatturat tagħhom fis-27 Stat Membru kollha lill-Istat Membru tal-istabbiliment. Dan se jippermetti li persuni taxxabbli konformi jiġu ħielsa mir-reġistrazzjoni tal-VAT u mill-obbligu li jissottomettu d-dikjarazzjonijiet tal-VAT f'dawk l-Istati Membri għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment fejn tiġi applikata l-eżenzjoni. Jekk persuni taxxabbli jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar trimestrali tagħhom, huma jistgħu jintalbu mill-Istat Membru fejn tiġi applikata l-eżenzjoni biex jikkonformaw mal-obbligi ġenerali ta' reġistrazzjoni u rapportar tal-VAT stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-VAT ta' dak l-Istat Membru.

L-iskema tal-SMEs hija fakultattiva u tista' tiġi applikata fi Stat Membru wieħed jew aktar. Jistgħu jiġu identifikati x-xenarji li ġejjin:

- a) L-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs biss fl-Istat Membru tal-istabbiliment (skema domestika tal-SMEs).
- b) L-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs biss fi Stat Membru wieħed jew aktar għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment (skema transfruntiera tal-SMEs).
- c) L-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment u fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra tal-għażla tiegħu li fih(om) hija dovuta l-VAT (skema transfruntiera tal-SMEs).

Biex tipprovi lill-persuni taxxabbli b'fehim ċar tar-regoli l-ġodda dwar l-iskema tal-SMEs li se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ġabret l-aktar punti importanti fil-forma ta' Gwida għall-iskema tal-SMEs. Din il-gwida tkopri l-elementi li ġejjin:

- Il-proċess ta' reġistrazzjoni.
- Obbligi formali.
- Waqfien u esklużjoni.
- Tnaqqis tal-VAT tal-input.

Għall-finijiet ta' din il-gwida, huwa importanti li jiġu ċċarati xi **kunċetti**:

1) Skema tal-SMEs – tfisser l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar kif stabbilita fil-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT².

2) Skema domestika tal-SMEs – tfisser l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar applikabbli biss fl-Istat Membru fejn il-persuna taxxabbli hija stabbilita.

3) Skema transfruntiera tal-SMEs – tfisser l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar applikabbli fi Stati Membri għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment tal-persuna taxxabbli biss jew kemm fl-Istat Membru tal-istabbiliment kif ukoll fi Stati Membri oħra.

² Fil-formulazzjoni tagħha mill-1 ta' Jannar 2025.

4) Impriża żgħira eżentaa – fil-kuntest tal-iskema tal-SMEs, impriża żgħira eżentata hija kwalunkwe persuna taxxabli li tibbenefika mill-eżenzjoni mill-VAT skont l-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru li fih hija dovuta l-VAT.

5) Stat Membru – huwa pajjiż tal-UE li għalih japplika t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

6) Stat Membru tal-istabbiliment (MSEST, Member State of establishment) – huwa l-Istat Membru fejn il-persuna taxxabli hija stabbilita, jiġifieri, fejn tinsab is-sede tal-attività ekonomika.

7) Stat Membru ta' eżenzjoni (MSEX, Member State of exemption) – huwa Stat Membru għajr dak tal-istabbiliment li fih persuna taxxabli hija eliġibbli għal eżenzjoni taħt l-iskema tal-SMEs fuq il-provvisti taġġha ta' oġġetti u servizzi.

8) Livell limitu annwali nazzjonali – jirreferi għal-limitu tal-fatturat annwali stabbilit minn Stat Membru li taħtu persuna taxxabli tista' tkun eliġibbli biex tapplika l-iskema tal-SMEs f'dak l-Istat Membru u tingħata eżenzjoni mill-VAT. Livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali ma jistax ikun ogħla minn EUR 85,000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali). Ara d-definizzjoni ta' "fatturat annwali fi Stat Membru".

9) Livelli limiti settorjali – fejn Stat Membru japplika aktar minn livell limitu annwali nazzjonali wieħed, dawn il-livelli limiti jitqiesu bħala livelli limiti settorjali. L-ebda wieħed minn dawn il-livelli limiti settorjali ma jista' jkun ogħla minn EUR 85,000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

10) Fatturat annwali fi Stat Membru – huwa l-valur annwali totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, mingħajr VAT, magħmula minn persuna taxxabli fi ħdan l-Istat Membru matul sena kalendarja, kemm jekk intaxxati kif ukoll jew eżentati.

11) Livell limitu annwali tal-Unjoni – jirreferi għal-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni li huwa ta' EUR 100,000.

12) Fatturat annwali fl-Unjoni – huwa l-valur annwali totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, mingħajr VAT, magħmula minn persuna taxxabli fit-territorju tal-Komunità matul sena kalendarja, kemm jekk intaxxati kif ukoll jekk eżentati.

13) In-numru "EX" – huwa n-numru ta' identifikazzjoni individwali allokat mill-Istat Membru tal-istabbiliment lill-persuna taxxabli li tixtieq tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. In-numru ta' identifikazzjoni individwali jispiċċa b'"EX".

14) Jiem ta' xogħol – huma l-jiem kollha għajr il-festi pubbliċi, is-Sibtijiet u l-Ħdud, skont l-Artikolu 2(2) tar-[Regolament \(KEE, Euratom\) Nru 1182/71](#) tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jstabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien.

1. Informazzjoni ġenerali dwar l-iskema tal-SMEs

Din it-taqsimha tiffoka fuq l-aspetti ġenerali tal-eżenzjoni tal-iskema tal-SMEs kemm fil-livell domestiku kif ukoll f'dak transfruntier.

1.1. Min jista' japplika l-eżenzjoni tal-iskema tal-SMEs?

Huma biss il-persuni taxxabli li jitqiesu bħala impriża żgħira li jistgħu japplikaw l-eżenzjoni tal-iskema tal-SMEs.

Għall-fini tal-**iskema domestika tal-SMEs**, persuna taxxabli titqies bħala impriża żgħira meta tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Hija stabbilita fi Stat Membru.
- Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-impriża żgħira ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali stabbilit minn dak l-Istat Membru.

Għall-finijiet tal-**iskema transfruntiera tal-SMEs**, persuna taxxabli titqies bħala impriża żgħira jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Hija stabbilita fi Stat Membru.
- Il-fatturat annwali tagħha fl-UE (is-27 Stat Membru) ma jaqbiżx l-EUR 100,000.
- Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali stabbilit minn dak l-Istat Membru.

1.2. Liema huwa l-Istat Membru tal-istabbiliment?

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs biss, l-Istat Membru tal-istabbiliment huwa l-Istat Membru li fih il-persuna taxxabli għandha s-sede tal-attività ekonomika tagħha, jgħid li l-Istat Membru li fih il-persuna taxxabli twettaq il-funzjonijiet ta' ċentru amministrattiv tagħha (teħid ta' deċiżjonijiet essenzjali dwar il-ġestjoni ġenerali). Jekk il-persuna taxxabli tkun persuna fiżika (professjonisti, freelancers...), l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jkun l-Istat Membru li fih il-persuna taxxabli jkollha l-indirizz permanenti tagħha.

Stat Membru li fih il-persuna taxxabbli jkollha stabbiliment fiss jew li fih tkun identifikata għall-finijiet tal-VAT mingħajr ma jkollha stabbiliment fiss ma jitqiesx bħala Stat Membru tal-istabbiliment.

EŻEMPJU:

Jekk persuna taxxabbli jkollha s-sede tal-attività ekonomika tagħha fl-Istat Membru 1 u stabbiliment fiss fl-Istat Membru 2, il-persuna taxxabbli tista' titqies bħala stabbilita biss fl-Istat Membru 1 skont l-iskema tal-SMEs.

1.3. Persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru tista' tapplika l-iskema tal-SMEs fi Stat Membru ieħor fejn għandha stabbiliment fiss jew numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT mingħajr stabbiliment fiss?

Persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru **tista'** tapplika l-iskema tal-SMEs (**skema transfruntiera tal-SMEs**) fi Stat Membru ieħor fejn ikollha stabbiliment fiss jew numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT mingħajr stabbiliment fiss jekk ladarba tingħata aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs f'dak l-Istat Membru hija **tiddereġistra** għall-finijiet tal-VAT f'dak l-Istat Membru.

Jekk il-persuna taxxabbli diġà qed tapplika l-iskema tal-SMEs fi Stat Membru fejn għandha stabbiliment fiss u trid tkompli tapplika l-iskema tal-SMEs mill-1 ta' Jannar 2025, il-persuna taxxabbli trid issegwi l-proċess ta' reġistrazzjoni għall-iskema transfruntiera tal-SMEs (it-Taqsima 3.2). Ladarba l-persuna taxxabbli tingħata aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs f'dak l-Istat Membru, hija trid tiddereġistra r-reġistrazzjoni tal-istabbiliment fiss tagħha għall-finijiet tal-VAT f'dak l-Istat Membru.

1.4. Tista' persuna taxxabbli stabbilita f'pajjiż mhux tal-UE bi stabbiliment fiss fi Stat Membru tapplika l-iskema tal-SMEs?

Persuna taxxabbli stabbilita f'pajjiż mhux tal-UE bi stabbiliment fiss fi Stat Membru **ma tistax** tapplika l-iskema tal-SMEs minħabba li ma titqiesx li hija stabbilita fi Stat Membru.

1.5. Liema tranżazzjonijiet jistgħu jiġu koperti mill-iskema tal-SMEs?

Meta persuna taxxabbli tagħżel li tapplika l-iskema tal-SMEs fi Stat Membru partikolari, l-iskema tal-SMEs se tiġi applikata għall-provvisi kollha ta' oġġetti u servizzi mwettqa mill-persuna taxxabbli f'dak l-Istat Membru, jiġifieri fl-Istat Membru li fih hija dovuta l-VAT fuq dawk il-provvisti. Skont l-iskema tal-SMEs, il-persuna taxxabbli *ma għandhiex għalfejn timponi l-VAT fuq il-provvisti tagħha u mhijiex intitolata li tnaqqas il-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħha relatat mat-tranżazzjonijiet koperti mill-iskema tal-SMEs.*

Madankollu, ċerti **tranżazzjonijiet** huma **esklużi** mill-iskema tal-SMEs. Dawn it-tranżazzjonijiet huma dawn li ġejjin:

- a) Tranżazzjonijiet imwettqa fuq bażi okkażjonali.
- b) Provvisti eżentati ta' mezzi ġodda ta' trasport magħmula minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.
- c) Tranżazzjonijiet oħra esklużi mill-Istat Membru fil-ġurisdizzjoni tiegħu (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

Madankollu, jekk kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet imwettqa mill-persuna taxxabbli tkun waħda minn dawn ta' hawn fuq, dan ma jeskludix lill-persuna taxxabbli mill-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħha. Minflok, il-persuna taxxabbli se tapplika r-reġim standard tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet esklużi mill-iskema tal-SMEs u se tkun tista' tapplika l-iskema tal-SMEs fir-rigward tal-bqija tal-attivitajiet jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet.

1.6. Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali?

Il-fatturat annwali ta' persuna taxxabbli fi Stat Membru partikolari huwa l-valur totali tal-provvisti tagħha ta' oġġetti u servizzi, mingħajr VAT, magħmula mill-persuna taxxabbli f'dak l-Istat Membru matul sena kalendarja. Fi kliem ieħor, huma inklużi biss tranżazzjonijiet tal-output b'post ta' provvista f'dak l-Istat Membru. Ix-xiri mhuwiex parti mill-kalkolu tal-fatturat annwali.

L-ammonti li ġejjin, mingħajr VAT, għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-fatturat annwali fi Stat Membru:

- Il-valur tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, sa fejn dawn jiġu ntaxxati li kieku ma sarux taħt l-iskema tal-SMEs.

- Il-valur tat-tranżazzjonijiet li huma eżentati fl-Istat Membru kkonċernat, bil-possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti (tranżazzjonijiet bi klassifikazzjoni żero).
- Il-valur tat-tranżazzjonijiet eżentati li ġejjin: tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni, tranżazzjonijiet relatati mat-trasport internazzjonali, tranżazzjonijiet trattati bħala esportazzjonijiet u provvisti ta' servizzi minn intermedjarji li jieħdu sehem fi kwalunkwe waħda mit-tranżazzjonijiet imsemmija hawn fuq.
- Il-valur ta' provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti eżentati (provvisti ta' oġġetti mibgħuta jew ittrasportati minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor).
- Il-valur ta' tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli, tranżazzjonijiet finanzjarji eżentati, u servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, sakemm dawk it-tranżazzjonijiet ma jkunux tranżazzjonijiet anċillari.
- It-trasferiment ta' oġġetti li jiffurmaw parti mill-assi tan-negozju tal-persuna taxxabbli lejn Stat Membru ieħor għall-finijiet tan-negozju tagħha (trasferiment ta' oġġetti proprja). F'dan il-każ, l-ammont li għandu jiġi inkluż fil-kalkolu tal-fatturat annwali huwa l-prezz tax-xiri tal-oġġett ittrasferit, jew fin-nuqqas ta' prezz tax-xiri, il-prezz tal-kost ta' dawk l-oġġetti. Dan l-ammont għandu jiġi inkluż fil-kalkolu tal-fatturat tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru tat-tluq tal-oġġetti.

Madankollu, id-disponimenti tal-assi kapitali tanġibbli jew intanġibbli ta' persuna taxxabbli ma għandhomx jitqiesu għall-kalkolu tal-fatturat annwali.

1.7. Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali fl-Unjoni?

Jekk il-persuna taxxabbli twettaq tranżazzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed, hija jkollha tikkalkula l-fatturat annwali nazzjonali tagħha skont l-Istat Membru. Il-**fatturat annwali fl-Unjoni** tagħha se jkun is-somma ta' dawk il-fatturati nazzjonali kollha, intaxxati jew eżentati.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq tranżazzjonijiet fl-Istat Membru 1 u fl-Istat Membru 2. It-tranżazzjonijiet li saru fl-2025 huma dawn li ġejjin:

Tranżazzjonijiet fl-Istat Membru 1:

- *Provvisti ta' oġġetti lill-klijenti fl-Istat Membru 1: EUR 30,000*
- *Provvisti ta' servizzi lill-klijenti fl-Istat Membru 1: EUR 20,000.*
- *Provvisti ta' oġġetti lill-impriżi stabbiliti fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3 (provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti): EUR 9,000.*
- *Provvisti ta' oġġetti lill-konsumaturi finali stabbiliti fl-Istat Membru 2 (bejgħ mill-bogħod intra-Komunitarju ta' oġġetti): EUR 6,000.*
- *Xiri ta' oġġetti minn fornituri stabbiliti fl-Istat Membru 3 (akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti): EUR 3,000.*
- *Provvisti ta' oġġetti lill-klijenti stabbiliti f'pajjiż mhux tal-UE (esportazzjonijiet ta' oġġetti): EUR 12,000.*
- *Bejgħ ta' bini industrijali użat bħala mażżen (disponiment tal-assi kapitali tanġibbli): EUR 500,000.*
- *Trasferiment ta' oġġetti proprji mill-Istat Membru 1 għall-Istat Membru 2: EUR 1,000*

Tranżazzjonijiet fl-Istat Membru 2:

- *Provvisti ta' oġġetti lill-klijenti fl-Istat Membru 2: EUR 17,000.*
 - *Provvisti ta' servizzi minn Stat Membru 1 lill-impriżi stabbiliti fl-Istat Membru 2: EUR 2,300*
 - *Esportazzjonijiet ta' oġġetti: EUR 2,000.*
 - *Akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti: EUR 1,000.*
-

Xenarju 1: Il-persuna taxxabbli tapplika r-reġim standard tal-VAT fl-Istat Membru 1 u fl-Istat Membru 2. Għal bejgħ mill-bogħod intra-Komunitarju ta' oġġetti, il-persuna taxxabbli tagħżel li tapplika r-regola tat-tassazzjoni fl-oriġini, għalhekk il-post tal-provvista ta' dawn it-tranżazzjonijiet huwa l-Istat Membru 1, jiġifieri, il-post fejn jinsabu l-oġġetti fil-ħin meta l-oġġetti jintbagħtu jew jiġu ttrasportati lill-klijent.

F'dan ix-xenarju, il-fatturat annwali nazzjonali tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru 1 u fl-Istat Membru 2 fl-2025 jinkludi l-valuri li ġejjin:

	Stat Membru 1 (EUR)	Stat Membru 2 (EUR)
1. Provvisti ta' oġġetti	30,000	17,000
2. Provvisti ta' servizzi	20,000	2,300
3. Provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti*	9,000	
4. Bejgħ mill-bogħod intra-Komunitarju ta' oġġetti	6,000	
5. Esportazzjonijiet ta' oġġetti	12,000	2,000
6. Trasferiment ta' oġġetti proprji**	1,000	
FATTURAT ANNWALI NAZZJONALI (1 + 2 + 3 + 4 + 5 + 6)	78,000	21,300
FATTURAT ANNWALI FL-UNJONI (78,000 + 21,300)	99,300	

* Il-provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti huma eżentati mill-VAT fl-Istat Membru 1 skont ir-reġim standard tal-VAT.

** It-trasferiment ta' oġġetti proprja huwa eżentat mill-VAT fl-Istat Membru 1 skont ir-reġim standard tal-VAT u jsegwi l-istess trattament bħall-provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti.

L-akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti ma jitqiesux fil-kalkolu tal-fatturat minħabba li huma xiri.

Il-bejgħ ta' bini industrijali użat bħala mażen, peress li huwa disponiment tal-assi kapitali tanġibbli, lanqas ma huwa inkluż fil-kalkolu tal-fatturat.

Xenarju 2: Il-persuna taxxabli tapplika l-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru 1 u r-reġim standard tal-VAT fl-Istat Membru 2. Għall-bejgħ intra-Komunitarju mill-bogħod ta' oġġetti, il-persuna taxxabli tagħżel li tapplika r-regola tat-tassazzjoni fid-destinazzjoni, għalhekk il-post tal-provvista ta' dawn it-tranżazzjonijiet huwa l-Istat Membru 2, jiġifieri, il-post jinsabu l-oġġetti fiż-żmien meta jintemm it-tluq jew it-trasport tal-oġġetti lill-klijent.

F'dan ix-xenarju, il-fatturat annwali nazzjonali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 u fl-Istat Membru 2 fl-2025 jinkludi l-valuri li ġejjin:

	Stat Membru 1 (EUR)	Stat Membru 2 (EUR)
1. Provvisti ta' oġġetti	30,000	17,000
2. Provvisti ta' servizzi	20,000	2,300
3. Provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti*	9,000	
4. Bejgħ mill-bogħod intra-Komunitarju ta' oġġetti		6,000
5. Esportazzjonijiet ta' oġġetti	12,000	2,000
6. Trasferiment ta' oġġetti proprji**	1,000	
FATTURAT ANNWALI NAZZJONALI (1 + 2 + 3 + 4 + 5 + 6)	72,000	27,300
FATTURAT ANNWALI FL-UNJONI (78,000 + 27,300)	99,300	

* Il-provvisti intra-Komunitarji ta' oġġetti huma eżentati mill-VAT fl-Istat Membru 1 taħt l-iskema tal-SMEs u jsegwu l-istess trattament bħall-provvisti domestiċi ta' oġġetti u servizzi.

** It-trasferiment ta' oġġetti proprji huwa eżentat mill-VAT fl-Istat Membru 1 taħt l-iskema tal-SMEs u jsegwi l-istess trattament bħall-provvisti domestiċi ta' oġġetti u servizzi.

1.8. Tista' persuna taxxabli rreġistrata għall-iskema tal-Unjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz (OSS) tapplika wkoll l-iskema tal-SMEs?

Iva, dment li l-persuna taxxabli tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha biex tapplika l-iskema tal-SMEs. Għalhekk, persuna taxxabli, jekk eliġibbli, tista' tuża l-iskema tal-SMEs fi Stat Membru wieħed u fl-istess ħin tkun irreġistrata għall-iskema tal-OSS tal-Unjoni biex tiddikjara l-provvisti tagħha u tħallas il-VAT dovuta fi Stati Membri oħra.

1.9. Persuna taxxabli rreġistrata għall-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet (IOSS) tista' tapplika l-iskema tal-SMEs?

Le, l-IOSS u l-iskema tal-SMEs jeskludu lil xulxin. Persuna taxxabli li tuża l-IOSS trid tagħżel li ma tipparteċipax fl-iskema tal-IOSS biex tkun tista' tapplika l-iskema tal-SMEs u viċi versa.

2. Skema domestika tal-SMEs

L-iskema domestika tal-SMEs hija l-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs minn persuna taxxabli fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha **biss**.

Jekk persuna taxxabli tkun trid tapplika l-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra, hija għandha tikkonsulta t-Taqsima 3 dwar l-iskema transfruntiera tal-SMEs.

2.1. Aċċess għall-iskema domestika tal-SMEs

2.1.1. X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema domestika tal-SMEs?

Persuna taxxabli tista' tibbenefika mill-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jekk il-fatturat annwali tagħha f'dak l-Istat Membru ma jagbiżx il-livell limitu annwali nazzjonali stabbilit minn dak l-Istat Membru fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti (jew fis-sentejn kalendarji preċedenti jekk dan ikun stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment).

Jiġifieri, il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, mingħajr VAT, magħmula mill-persuna taxxabli fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha ma jridx ikun oġġla mil-livell limitu stabbilit minn dak l-Istat Membru.

Dak il-livell limitu nazzjonali ma jistax ikun oġġla minn EUR 85,000 jew l-ekwivalenti tiegħu fil-munita nazzjonali jekk l-Istat Membru ma jkunx adotta l-euro.

Madankollu, l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jistabbilixxi livelli limiti differenti għal setturi tan-negożju differenti (livelli limiti settorjali). Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn il-livelli limiti settorjali ma jista' jkun oġġla minn EUR 85,000 u, barra minn hekk, il-persuna taxxabli li tixtieq tapplika l-iskema domestika tal-SMEs tista' tuża biss wieħed minn dawk il-livelli limiti settorjali għall-provvisti kollha tagħha f'dak l-Istat Membru. F'dan il-każ, l-Istat Membru se jipprovdi gwida ċara lill-persuna taxxabli dwar liema livell limitu settorjali għandu jintuża (ara l-livell limitu annwali nazzjonali applikabbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

Persuna taxxabli tista' tivverifika jekk hiji eliġibbli li tapplika l-iskema domestika tal-SMEs billi tuża l-eżerċizzju ta' simulatur disponibbli fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#). Is-simulatur jipprovi informazzjoni indikattiva biss u għalhekk ma jagħtix dritt li jintalab aċċess għall-iskema tal-SMEs fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri.

EŻEMPJU:

Fl-1 ta' Ġunju 2025, persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 trid tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fir-rigward tal-provvisti tagħha ta' oġġetti u servizzi f'dak l-Istat Membru. Il-livell limitu annwali nazzjonali stabbilit mill-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 85,000.

Xenarju 1: *L-Istat Membru 1 stabbilixxa li sabiex tibbenefika mill-iskema tal-SMEs fit-territorju tiegħu, il-livell limitu annwali nazzjonali ma jistax jinqabeż fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti.*

Il-fatturati annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huma kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2024 (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju) (EUR)	Eliġibbiltà għall-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs
Stat Membru 1	85,000	50,000	20,000	Iva

F'dan il-każ, peress li l-persuna taxxabli hija stabbilita fl-Istat Membru 1 u l-fatturat annwali tagħha f'dak l-Istat Membru kemm fl-2024 (EUR 50,000) kif ukoll fl-2025 (EUR 20,000) mhux ogħla mil-livell limitu annwali nazzjonali (EUR 85,000), il-persuna taxxabli tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (Stat Membru 1).

Xenarju 2: *L-Istat Membru 1 stabbilixxa li biex tibbenefika mill-iskema tal-SMEs fit-territorju tiegħu, il-livell limitu annwali nazzjonali ma jistax jinqabeż fis-sena kalendarja attwali u fis-sentejn kalendarji preċedenti.*

Il-fatturati annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huma kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2023 (EUR)	Fatturat annwali fl-2024 (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (mill-1 ta' Jannar sal-1 ta' Ġunju) (EUR)	Eliġibbiltà għall-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs
Stat Membru 1	85,000	86,000	50,000	20,000	Le

F'dan il-każ, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 fl-2024 u fl-2025 mhuwiex ogħla mil-livell limitu nazzjonali (EUR 85,000) iżda l-fatturat annwali tagħha fl-2023 (EUR 86,000) huwa ogħla. Għalhekk, il-persuna taxxabli ma tissodisfax il-kundizzjonijiet biex tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (Stat Membru 1).

2.1.2. Kif tirreġistra għall-iskema domestika tal-SMEs?

Jekk persuna taxxabli tixtieq tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha **biss**, din trid issegwi r-regoli u l-proċessi stabbiliti minn dak l-Istat Membru (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

2.2. Obbligi formali

Persuna taxxabli li tibbenefika BISS mill-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (mingħajr ma tapplika l-iskema transfruntiera tqi-SMEs) tista' tinħeles mill-obbligi tal-VAT li ġejjin fir-rigward tal-provvisti tagħha koperti mill-iskema domestika tal-SMEs:

- a) Li tiddikjara l-bidu tal-attività tagħha.
- b) Li tiġi identifikata permezz ta' numru individwali.
- c) Li tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT.
- d) Li toħroġ fatturi.
- e) Li żżomm il-kontijiet.
- f) Li tissottometti dikjarazzjonijiet amministrattivi.

Madankollu, il-persuna taxxabli trid tiddikjara l-bidu tal-attività tagħha u tkun irreġistrata għall-finijiet tal-VAT fil-każijiet li ġejjin:

- a) Il-persuna taxxabli tagħmel l-akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti soġġetti għall-VAT.
 - b) Il-persuna taxxabli tirċievi servizzi li għalihom hija responsabbli li tħallas il-VAT.
 - c) Il-persuna taxxabli tiprovdi servizzi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li għalihom il-VAT hija dovuta biss mir-riċevitur.
-

Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment jiddeċiedi li ma jeħlisx lill-persuna taxxabli mill-obbligi li tiddikjara l-bidu tal-attività tagħha u li tiġi identifikata permezz ta' numru individwali, huwa se jstabbilixxi proċedura ta' reġistrazzjoni tal-VAT li ma ddumx aktar minn 15-il jum ta' xogħol. Dan il-perjodu jista' jkun itwal jekk l-Istat Membru jeħtieġ aktar żmien biex iwettaq il-verifiki meħtieġa biex jipprevjeni sitwazzjonijiet ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment jiddeċiedi li ma jeħlisx lill-persuna taxxabli mill-obbligu li tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT, huwa jstabbilixxi dikjarazzjoni annwali simplifikata tal-VAT. Madankollu, il-persuna taxxabli tista' tagħżel li tissottometti d-dikjarazzjoni tal-VAT matul il-perjodu tat-taxxa stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment skont ir-reġim standard tal-VAT (kull trimestru, kull xahrejn jew kull xahar).

Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment jiddeċiedi li ma jeħlisx lill-persuna taxxabli mill-obbligu li toħroġ fatturi, huwa jippermetti lill-persuna taxxabli toħroġ fatturi simplifikati.

Aktar informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli fl-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħek hija disponibbli fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

2.3. Il-ħruġ mill-iskema domestika tal-SMEs

Persuna taxxabli tista' toħroġ mill-iskema domestika tal-SMEs b'mod volontarju (waqfien), jew tista' tiġi eskluża mill-iskema mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha meta l-kundizzjonijiet biex tintuża l-iskema domestika tal-SMEs ma jibqgħux jiġu ssodisfati (esklużjoni).

F'każ ta' esklużjoni, il-persuna taxxabli hija pprojbita milli tuża l-iskema domestika tal-SMEs għal ċertu perjodu. Il-persuna taxxabli tista' wkoll tiġi pprojbita mal-waqfien.

2.3.1. Waqfien

2.3.1.1. Kif tieqaf tapplika l-iskema domestika tal-SMEs?

Impriża żgħira eżentata dejjem tista' tagħżel li ma tagħmilx parti mill-iskema domestika tal-SMEs. F'dak il-każ, għandha ssegwi r-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati biex teżerċita dik l-għażla kif stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

Ladarba toħroġ mill-iskema domestika tal-SMEs, il-persuna taxxabli tista' tagħżel li tapplika r-reġim standard tal-VAT jew il-proċeduri simplifikati, jekk ikun il-każ, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

2.3.1.2. Meta tista' terġa' tapplika l-iskema domestika tal-SMEs wara li toħroġ volontarjament?

Fil-każ li persuna taxxabbli toħroġ volontarjament mill-iskema domestika tal-SMEs, l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jipprevedi perjodu ta' kwarantina li matulu l-persuna taxxabbli ma tkunx tista' tapplika l-iskema domestika tal-SMEs. Fi tmiem dan il-perjodu, il-persuna taxxabbli tista' terġa' tagħżel li tapplika l-iskema domestika tal-SMEs jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

2.3.2. Esklużjoni

2.3.2.1. Meta persuna taxxabbli tiġi eskluża mill-iskema domestika tal-SMEs?

Persuna taxxabbli li tapplika l-iskema domestika tal-SMEs hija eskluża minn din l-iskema meta, matul is-sena kalendarja attwali jew fis-sena kalendarja preċedenti, il-fatturat annwali tagħha jaqbeż il-livell limitu annwali nazzjonali tal-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

Meta matul is-sena kalendarja attwali, il-persuna taxxabbli taqbeż il-livell limitu nazzjonali stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment, jistgħu jiġu skattati konsegwenzi differenti skont l-għażliet eżerċitati mill-Istat Membru tal-istabbiliment³:

- a) B'mod awtomatiku, jekk matul is-sena kalendarja attwali l-livell limitu nazzjonali jinqabeż b'mhux aktar minn **10 %**, il-persuna taxxabbli tista' tgawdi minn perjodu tranżitorju u tkun tista' tkompli tibbenefika mill-iskema domestika tal-SMEs sa tmiem dik is-sena kalendarja. Madankollu, jekk matul is-sena kalendarja l-livell limitu nazzjonali jinqabeż b'aktar minn 10 %, il-persuna taxxabbli trid tiegħa tapplika l-iskema domestika tal-SMEs minn dak iż-żmien.
- b) Imbagħad, jista' jkun li l-Istat Membru tal-istabbiliment jiddeċiedi li jgħolli l-limitu massimu minn 10 % għal **25 %** jew, alternattivament, **li ma jistabbilixxi l-ebda limitu massimu**. Dawn l-għażliet għandhom l-uniku limitu li ma jistgħux jirriżultaw fl-eżenzjoni ta' persuna taxxabbli li l-fatturat tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment jaqbeż l-EUR 100,000 fis-sena kalendarja attwali.
- c) Fl-aħħar nett, l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jiddetermina wkoll li l-iskema domestika tal-SMEs tiegħa tapplika hekk kif jinqabeż il-livell limitu nazzjonali. Fi kliem ieħor, l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jiddeċiedi li ma japplika l-ebda perjodu tranżitorju f'każ li l-livell limitu nazzjonali jinqabeż matul is-sena kalendarja attwali.

³ Ara l-għażla eżerċitata mill-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħek fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 qed tibbenefika mill-iskema domestika tal-SMEs f'dak l-Istat Membru. Il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 85,000.

Xenarju 1: L-Istat Membru 1 japplika **limitu massimu ta' 10 %** tal-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali (limitu massimu ta' EUR 93,500) f'każ li l-livell limitu jinqabeż matul is-sena kalendarja attwali. Fit-12 ta' Lulju 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 84,700. Fit-13 ta' Lulju 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista ġdida fl-Istat Membru 1 ta' EUR 400. Fit-13 ta' Novembru, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 93,100 u fl-14 ta' Novembru 2026 tagħmel provvista oħra fl-Istat Membru 1 ta' EUR 450.

	Ammonti (EUR)
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-12/7/2026	84,700
Provvista fit-13/7/2026	400
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-13/7/2026	85,100
Livell limitu nazzjonali	85,000
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-13/11/2026	93,100
Provvista fl-14/11/2026	450
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-14/11/2026	93,550
Limitu massimu ta' 10 % tal-livell limitu nazzjonali	93,500

Fix-xenarju 1, il-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu nazzjonali stabbilit mill-Istat Membru 1 fit-13 ta' Lulju 2026 iżda tista' tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs sal-14 ta' Novembru 2026, meta l-persuna taxxabli taqbeż il-limitu massimu ta' EUR 93,500. Għalhekk, il-persuna taxxabli ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 450, iżda trid timponi l-VAT fuqha.

Xenarju 2: L-Istat Membru 1 jippermetti **qbiż** tal-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali **mingħajr ebda limitu massimu** f'każ li l-livell limitu jinqabeż matul is-sena kalendarja attwali. Fl-20 ta' Awwissu 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 84,800. Fl-21 ta' Awwissu 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista ġdida f'dan l-Istat Membru ta' EUR 300. Fl-9 ta' Novembru 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 99,000. Fl-10 ta' Novembru 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista oħra fl-Istat Membru 1 ta' EUR 2,000.

	Ammonti (EUR)
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-20/08/2026	84,800
Provvista fil-21/8/2026	300
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-21/8/2026	85,100
Livell limitu nazzjonali	85,000
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sad-9/11/2026	99,000
Provvista fl-10/11/2026	2,000
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-10/11/2026	101,000

Fix-xenarju 2, il-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu nazzjonali fil-21 ta' Awwissu 2026, iżda tista' tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs. Madankollu, peress li l-fatturat tal-persuna taxxabli fl-10 ta' Novembru 2026 (EUR 101,000) huwa ogħla minn EUR 100,000, il-persuna taxxabli trid tieqaf tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-istess jum. Għalhekk, l-persuna taxxabli ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 2,000, iżda għandha timponi l-VAT fuqha.

Xenarju 3: *L-Istat Membru 1 ma jippermetti l-ebda qbiż tal-livell limitu annwali nazzjonali. Fl-1 ta' Ottubru 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 84,300. Fit-2 ta' Ottubru 2026, il-persuna taxxabli tagħmel żewġ provvisti ġodda ta' EUR 500 u EUR 300 fl-Istat Membru 1.*


	Ammonti (EUR)
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-1/10/2026	84,300
Provvista fit-2/10/2026	500
Provvista fit-2/10/2026	300
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-2/10/2026	85,100
Livell limitu nazzjonali	85,000

Fix-xenarju 3, il-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali fit-2 ta' Ottubru 2026 bil-provvista ta' EUR 300 u għalhekk trid tieqaf tapplika l-iskema domestika tal-SMEs minn dak iż-żmien. Konsegwentement, il-persuna taxxabli tista' teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 500 taħt l-iskema domestika tal-SMEs, iżda ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 300, minflok trid tiġi imposta fuqha l-VAT.


2.3.2.2. X'inhu l-perjodu ta' kwarantina?

Meta l-persuna taxxabli tkun eskluża mill-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, hija ma tkunx tista' tapplika mill-ġdid l-iskema domestika tal-SMEs għal perjodu ta' żmien, jiġifieri l-perjodu ta' kwarantina.

Il-perjodu ta' kwarantina jibda mill-mument li l-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu annwali nazzjonali jew il-limitu massimu stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment (skont l-għażla magħżula minn dak l-Istat Membru) u se jkopri l-bqija tas-sena kalendarja attwali u s-sena kalendarja ta' wara.



Il-perjodu ta' kwarantina jista' jiġi estiż għal sentejn kalendarji ta' wara, skont l-għażla tal-Istat Membru tal-istabbiliment (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).



EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 qed tibbenefika mill-iskema domestika tal-SMEs f'dak l-Istat Membru. L-Istat Membru 1 stabbilixxa livell limitu annwali nazzjonali ta' EUR 75,000 u jippermetti eċċess sa 25 % (limitu massimu ta' EUR 93,750).

Fl-1 ta' Awwissu 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 1 huwa ta' EUR 74,500. Fil-2 ta' Awwissu 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista ġdida f'dan l-Istat Membru ta' EUR 600. Fl-1 ta' Novembru 2026, il-fatturat annwali mill-bejgħ tal-persuna taxxabli huwa ta' EUR 93,000. Fit-2 ta' Novembru 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista ta' EUR 1,000 fl-Istat Membru 1.

	Ammonti (EUR)
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-1/08/2026	74,500
Provvista fit-2/8/2026	600
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-2/8/2026	75,100
Livell limitu nazzjonali	75,000
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sal-1/11/2026	93,000
Provvista fit-2/11/2026	1,000
Fatturat annwali mill-1/1/2026 sat-2/11/2026	94,000
Limitu massimu ta' 25 % tal-livell limitu nazzjonali	93,750

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu nazzjonali stabbilit mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (Stat Membru 1) fit-2 ta' Awwissu 2026 iżda tista' tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs sat-2 ta' Novembru 2026, meta l-persuna taxxabli taqbeż il-limitu massimu ta' EUR 93,750 bil-provvista ta' EUR 1,000. Minn dak il-mument 'il quddiem, il-persuna taxxabli trid tiegħ tapplika l-iskema domestika tal-SMEs u ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 1,000 u l-provvisti sussegwenti iżda trid timponi l-VAT fuqhom.

Il-persuna taxxabli se tkun tista' tapplika mill-ġdid l-iskema domestika tal-SMEs fl-1 ta' Jannar 2028, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha.

Jekk l-Istat Membru 1 jagħżel li jestendi l-perjodu ta' kwarantana għal sentejn kalendarji, il-persuna taxxabli se tkun tista' tapplika mill-ġdid l-iskema domestika tal-SMEs biss fl-1 ta' Jannar 2029, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha.

2.3.2.3. X'inhuma l-konsegwenzi tal-esklużjoni?

Meta persuna taxxabli tiġi eskluża mill-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, hija trid tapplika r-reġim standard tal-VAT. Tista' tapplika wkoll il-proċeduri simplifikati għall-impożizzjoni u l-ġbir tal-VAT, jekk ikun il-każ, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

Ladarba l-perjodu ta' kwarantana jkun spiċċa, il-persuna taxxabli tista' terġa' tkun eliġibbli għall-iskema domestika tal-SMEs jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti mill-Istat Membru tal-istabbiliment. Il-persuna taxxabli għandha tikkuntattja lill-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha biex tikseb informazzjoni dwar il-proċedura possibbli li għandha tiġi segwita biex terġa' tiġi applikata l-iskema domestika tal-SMEs.

3. Skema transfruntiera tal-SMEs

L-iskema transfruntiera tal-SMEs tinvolvi l-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs minn persuna taxxabli jew fi Stat Membru wieħed jew aktar għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jew fl-Istat Membru tal-istabbiliment u fi Stat Membru wieħed jew aktar għajr dak tal-istabbiliment.

3.1. Aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs

Mill-1 ta' Jannar 2025, l-impriżi żgħar stabbiliti fi Stat Membru jistgħu jagħżlu li japplikaw l-iskema transfruntiera tal-SMEs fir-rigward ta' dawk il-provvisti ta' oġġetti u servizzi tagħhom⁴ li jitwettqu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom. Sabiex dan ikun jista' jsir, iridu jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

3.1.1. Min huwa eliġibbli biex japplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Persuna taxxabli hija eliġibbli li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs jekk il-fatturat annwali fl-Unjoni tagħha ma jaqbiżx l-EUR 100,000 (livell limitu annwali tal-Unjoni) fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti. Il-fatturat annwali fl-Unjoni ta' persuna taxxabli huwa s-somma tal-fatturati annwali tagħha fis-27 Stat Membru kollha, kemm jekk il-persuna taxxabli trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istati Membri kollha kif ukoll jekk le.

Jekk il-fatturat annwali fl-Unjoni ta' persuna taxxabli jaqbeż l-EUR 100,000, il-persuna taxxabli ma tistax tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fi kwalunkwe Stat Membru. Madankollu, il-persuna taxxabli tista' tapplika jew tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jekk il-fatturat annwali tagħha f'dak l-Istat Membru ma jaqbiżx il-livell limitu annwali nazzjonali.

⁴ Ħlief għal tranżazzjonijiet esklużi mill-iskema tal-SMEs (ara l-mistoqsija 1.5. "Liema tranżazzjonijiet jistgħu jiġu koperti mill-iskema tal-SMEs?").

3.1.2. X'inhuma l-kundizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs, persuna taxxabli eliġibbli trid tissodisfa l-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

- a) Tkun stabbilita fi Stat Membru⁵.
- b) Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat(i) Membru/i fejn il-persuna taxxabli tixtieq tagħmel użu mill-iskema transfruntiera tal-SMEs ma jaqbiżx il-livell limitu annwali nazzjonali stabbilit minn dak/dawk l-Istat(i) Membru/i fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti (jew fis-sentejn kalendarji preċedenti jekk dan ikun stabbilit mill-Istat(i) Membru/i li jagħti/jagħtu l-eżenzjoni).
- c) Hija trid tissottometti notifika minn qabel fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (it-Taqsima 3.2) li tispeċifika l-Istati Membri li fihom trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs.

Il-livell limitu annwali nazzjonali stabbilit mill-Istati Membri⁶ ma jistax ikun ogħla minn EUR 85,000 jew l-ekwivalenti tiegħu fil-munita nazzjonali jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx adotta l-euro.

Jekk Stat Membru jkun stabbilixxa livelli limiti li jvarjaw għal setturi tan-negozju differenti (livelli limiti settorjali⁷), il-persuna taxxabli tista' tuża biss wieħed minn dawk il-livelli limiti settorjali għall-provvisti kollha tagħha f'dak l-Istat Membru. F'dan il-każ, l-Istat Membru se jipprovdi gwida ċara lill-persuna taxxabli dwar liema livell limitu settorjali għandu jintuża (ara l-livell limitu annwali nazzjonali applikabbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

Persuna taxxabli tista' tivverifika jekk hiji eliġibbli li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs billi tuża l-eżerċizzju ta' simulatur disponibbli fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#). Is-simulatur jipprovdi informazzjoni indikattiva biss u għalhekk ma jagħtix dritt li jintalab aċċess għall-iskema tal-SMEs fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri.

⁵ Ara l-mistoqsija 1.2 tat-taqsima. "Liema huwa l-Istat Membru tal-istabbiliment?".

⁶ Il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali stabbilit mill-Istati Membri jrid ikun l-istess kemm għall-persuni taxxabli stabbiliti f'dak l-Istat Membru (skema domestika tal-SMEs) kif ukoll għall-persuni taxxabli mhux stabbiliti (skema transfruntiera tal-SMEs).

⁷ L-ebda wieħed mil-livelli limiti settorjali ma jista' jkun ogħla minn EUR 85,000.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq tranżazzjonijiet soġġetti għall-VAT fl-Istat Membru 1, fl-Istat Membru 3, fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 4. Fl-1 ta' Lulju 2026, il-persuna taxxabli trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fir-rigward tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi tagħha fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3.

Xenarju 1: *L-Istat Membru 2 u l-Istat Membru 3 jirrikjedu li l-livell limitu annwali nazzjonali tagħhom ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni fit-territorju tagħhom.*

Fl-1 ta' Lulju 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli f'kull wieħed mill-Istati Membri huwa kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (EUR)	Fatturat annwali fl-2026 (EUR)	Eliġibbli biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs
Stat Membru tal-istabiliment	85,000	30,000	13,000	M/A
Stat Membru 2	35,000	35,000	15,000	Iva
Stat Membru 3	40,000	20,000	9,000	Iva
Stat Membru 4	M/A	10,000	5,500	M/A
FATTURAT ANNWALI TOTALI FL-UNJONI		95,000	42,500	

Analiżi tal-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs:

- Il-persuna taxxabli hija stabbilita fi Stat Membru (Stat Membru 1). ✓*
- Fl-2025 (is-sena kalendarja preċedenti), il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabli (EUR 95,000) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni ta' EUR 100,000. ✓*
- Fl-2026 (is-sena kalendarja attwali) il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabli (EUR 42,500) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni. ✓*
- Fl-2025, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 2 (EUR 35,000) u fl-Istat Membru 3 (EUR 20,000) ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali eżistenti f'dawk l-Istati Membri. ✓*
- Fl-2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabli fl-Istat Membru 2 (EUR 15,000) u fl-Istat Membru 3 (EUR 9,000) ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali eżistenti f'dawk l-Istati Membri. ✓*
- Bħala konklużjoni, il-persuna taxxabli tista' tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs kemm fl-Istat Membru 2 kif ukoll fl-Istat Membru 3.*

Xenarju 2: L-Istat Membru 2 u l-Istat Membru 3 jirrikjedu li l-livell limitu annwali nazzjonali tagħhom ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni fit-territorju tagħhom.

Fl-1 ta' Lulju 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli f'kull wieħed mill-Istati Membri huwa kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (EUR)	Fatturat annwali fl-2026 (EUR)	Eliġibbli biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs
Stat Membru tal-istabiliment	85,000	30,000	13,000	M/A
Stat Membru 2	35,000	35,000	15,000	Le
Stat Membru 3	40,000	20,000	9,000	Le
Stat Membru 4	M/A	18,000	5,500	M/A
FATTURAT TOTALI FL-UNJONI		103,000	42,500	

Analiżi tal-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs:

1. Il-persuna taxxabbli hija stabbilita fi Stat Membru (Stat Membru 1). ✓
2. Fl-2025 (is-sena kalendarja preċedenti), il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli (EUR 103,000) ikun ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni ta' EUR 100,000. **X**
3. Bħala konklużjoni, il-persuna taxxabbli ma setgħetx tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3.
4. Anki meta l-persuna taxxabbli tkun eskluża mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, hija xorta tista' tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabiliment tagħha (Stat Membru 1) peress li fl-2025 u fl-2026 il-fatturat annwali tagħha f'dak l-Istat Membru ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali (EUR 85,000).

Xenarju 3: L-Istat Membru 2 u l-Istat Membru 3 jirrikjedu li l-livell limitu annwali nazzjonali tagħhom ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni fit-territorju tagħhom.

Fl-1 ta' Lulju 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli f'kull wieħed mill-Istati Membri huwa kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (EUR)	Fatturat annwali fl-2026 (EUR)	Eliġibbli biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs
Stat Membru tal-istabbiliment	85,000	30,000	13,000	M/A
Stat Membru 2	20,000	35,000	15,000	Le
Stat Membru 3	40,000	20,000	9,000	Iva
Stat Membru 4	M/A	10,000	5,500	M/A
FATTURAT TOTALI FL-UNJONI		95,000	42,500	

Analiżi tal-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs:

1. Il-persuna taxxabbli hija stabbilita fi Stat Membru (Stat Membru 1). ✓
2. Fl-2025 (is-sena kalendarja preċedenti), il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli (EUR 95,000) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni ta' EUR 100,000. ✓
3. Fl-2026 (is-sena kalendarja attwali) il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli (EUR 42,500) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni ta' EUR 100,000. ✓
4. Fl-2025, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru 2 (EUR 35,000) jaqbeż il-livell limitu nazzjonali eżistenti f'dak l-Istat Membru (EUR 20,000). ✗
5. Il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru 3 fl-2025 (EUR 20,000) u fl-2026 (EUR 9,000) ma jaqbiżx il-livell limitu nazzjonali eżistenti f'dak l-Istat Membru (EUR 40,000). ✓
6. Bħala konklużjoni, il-persuna taxxabbli tista' tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 3 iżda mhux fl-Istat Membru 2.

Xenarju 4: L-Istat Membru 2 stabbilixxa li biex tibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu, il-livell limitu annwali nazzjonali tiegħu ma jridx jinqabeż fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti.

L-Istat Membru 3 stabbilixxa li biex tibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu, il-livell limitu annwali nazzjonali tiegħu ma jridx jinqabeż fis-sena kalendarja attwali u fis-sentejn kalendarji preċedenti.

Fl-1 ta' Lulju 2026, il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli f'kull wieħed mill-Istati Membri huwa kif ġej:

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2024 (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (EUR)	Fatturat annwali fl-2026 (EUR)	Eliġibbli biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs
Stat Membru tal-istabbiliment	85,000	30,000	30,500	12,000	M/A
Stat Membru 2	20,000	19,000	19,500	21,000	Le
Stat Membru 3	40,000	41,000	38,000	5,000	Le
Stat Membru 4	M/A	10,000	12,000	15,000	M/A
FATTURAT TOTALI FL-UNJONI			100,000	53,000	

Analiżi tal-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs:

1. Il-persuna taxxabbli hija stabbilita fi Stat Membru (Stat Membru 1). ✓
2. Fl-2025 (is-sena kalendarja preċedenti), il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli (EUR 100,000) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni. ✓
3. Fl-2026 (is-sena kalendarja attwali) il-fatturat annwali totali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli (EUR 53,000) ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni. ✓
4. Il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru 2 fl-2025 (EUR 19,500) ma jaqbiż il-livell limitu nazzjonali ta' dak l-Istat Membru (EUR 20,000) iżda jaqbz u fl-2026, peress li l-fatturat annwali tagħha fl-2026 huwa ta' EUR 21,000. ✗
5. Fl-2024 (is-sena kalendarja ta' qabel is-sena kalendarja preċedenti) il-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli fl-Istat Membru 3 (EUR 41,000) jaqbeż il-livell limitu nazzjonali eżistenti f'dak l-Istat Membru (EUR 40,000). ✗
6. Bħala konklużjoni, il-persuna taxxabbli ma setgħetx tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3.

3.2. Reġistrazzjoni

3.2.1. Kif tirreġistra għall-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Jekk persuna taxxabli tkun trid tagħżel l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs, l-ewwel trid tissottometti **notifika minn qabel** lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha. F'dik in-notifika minn qabel, hija għandha tindika, *inter alia*, l-Istat(i) Membru/i li fih/fihom tixtieq tapplika l-iskema tal-SMEs.

In-notifika minn qabel għandha tiġi sottomessa b'mezzi elettroniċi jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment ikun ippreveda dan⁸.

L-Istat Membru tal-istabbiliment u l-Istati Membri li għalihom tintalab l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs imbagħad jivverifikaw jekk il-persuna taxxabli tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha.

Jekk il-persuna taxxabli tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha, l-Istat Membru tal-istabbiliment jassenja lill-persuna taxxabli **numru ta' identifikazzjoni individwali** bis-suffiss "EX" (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "numru EX") li jkun meħtieġ għall-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs.

Jekk il-persuna taxxabli tingħata aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru ta' eżenzjoni fejn din tkun diġà ġiet identifikata għall-finijiet tal-VAT, l-Istat Membru ta' eżenzjoni għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura li l-persuna taxxabli ma tibqax tiġi identifikata fir-rigward tal-provvisti magħmula f'dak l-Istat Membru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs.

3.2.2. X'informazzjoni għandha tiġi inkluża fin-notifika minn qabel?

In-notifika minn qabel għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- a) l-isem, l-attività, il-forma ġuridika u l-indirizz tal-persuna taxxabli.
- b) l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fihom il-persuna taxxabli biġsiebha tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs u kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni tal-VAT li permezz tiegħu l-persuna taxxabli tista' tiġi identifikata għall-finijiet tal-VAT f'dawk l-Istati Membri.

⁸ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

- c) il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u/jew servizzi mwettqa fl-Istat Membru tal-istabbiliment u f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra matul is-sena kalendarja preċedenti. Xi Stati Membri jistgħu jirrikjedu li l-persuna taxxabli tipprovdi din l-informazzjoni għall-aħħar sentejn kalendarji preċedenti⁹.
- d) il-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u/jew servizzi mwettqa fl-Istat Membru tal-istabbiliment u f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra matul is-sena kalendarja attwali sad-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel.

Il-persuna taxxabli trid tindika l-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi tagħha, jiġifieri, il-fatturat annwali tagħha¹⁰, fis-27 Stat Membru kollha u mhux biss fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fl-Istati Membri fejn trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. Jekk ma jsir l-ebda fatturat, il-valur totali li għandu jiġi indikat huwa "0".

Jekk Stat Membru jkun stabbilixxa livelli limiti differenti għal setturi tan-negozju differenti (livelli limiti settorjali), il-valur totali tal-provvisti għandu jiġi speċifikat separatament għal kull livell limitu¹¹.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq tranżazzjonijiet soġġetti għall-VAT fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3. Il-persuna taxxabli trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fir-rigward tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fl-Istat Membru 2 u għalhekk tissottometti n-notifika minn qabel lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha fl-1 ta' Mejju 2026.

L-Istat Membru tal-istabbiliment stabbilixxa livell limitu nazzjonali ta' EUR 85 000 u jirrikjedi li l-livell limitu nazzjonali ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu.

L-Istat Membru 2 stabbilixxa żewġ livelli limiti nazzjonali: wieħed għas-settur tal-kostruzzjoni ta' EUR 50,000 u wieħed għas-setturi tan-negozju l-oħra kollha ta' EUR 70,000. L-Istat Membru 2 jirrikjedi li kwalunkwe livell limitu ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sentejn kalendarji preċedenti sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu.

⁹ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

¹⁰ Il-fatturat annwali huwa l-valur totali tal-provvisti ta' oġġetti u servizzi, mingħajr VAT, magħmula fi Stat Membru matul sena kalendarja ddeterminata kif spjegat fil-mistoqsija 1.6 "Kif jiġi kkalkolat il-fatturat annwali?". Ara wkoll il-mistoqsija 1.7 "Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali fl-Unjoni?".

¹¹ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

L-Istat Membru 3 jirrikjedi li l-livell limitu nazzjonali tiegħu ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu.

Il-persuna taxxabbli trid tinkludi fin-notifika minn qabel l-informazzjoni li ġejja dwar il-fatturat annwali tagħha:

- *Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha matul is-sena kalendarja attwali (mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2026) u matul is-sena kalendarja preċedenti (2025).*
- *Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat Membru 2 matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sentejn kalendarji preċedenti (2024 u 2025). Il-fatturat annwali jrid jiġi speċifikat separatament għal-livell limitu tas-settur tal-kostruzzjoni u għal-limitu tas-setturi tan-negożju l-oħra.*
- *Il-fatturat annwali tagħha fl-Istat Membru 3 matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti.*
- *"0" bħala l-fatturat annwali tagħha fl-24 Stat Membru l-ieħor, peress li ma għamlet l-ebda tranżazzjoni f'dawk l-Istati Membri matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sena kalendarja preċedenti.*

Stat Membru	Livell limitu nazzjonali (EUR)	Fatturat annwali fl-2024 (EUR)	Fatturat annwali fl-2025 (EUR)	Fatturat annwali fl-2026 (EUR)
Stat Membru tal-istabbiliment	85,000	M/A	40,000	12,000
Stat Membru 2	settur tal-kostruzzjoni: 50,000	19,000	14,000	3,500
	setturi tan-negożju l-oħra: 70,000	41,000	38,000	5,000
Stat Membru 3	M/A	M/A	7,000	2,000
Stat Membru 4	M/A	M/A	0	0
Stat Membru 5	M/A	M/A	0	0
...	M/A	M/A	0	0
Stat Membru 27	M/A	M/A	0	0

Kieku l-Istat Membru 3 kien irrikjeda li l-livell limitu nazzjonali tiegħu ma jinqabiżx matul is-sena kalendarja attwali u matul is-sentejn kalendarji preċedenti sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni fit-territorju tiegħu, il-persuna taxxabli kien ikollha tinkludi fin-notifika minn qabel il-fatturat tagħha fl-Istat Membru 3 matul l-2024, l-2025 u mill-1 ta' Jannar 2026 sat-30 ta' April 2026 anki jekk ma xtaqitx tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs f'dak l-Istat Membru.

Bl-istess mod, kieku l-Istat Membru 3 kien stabbilixxa livelli limiti differenti għal setturi tan-negozju differenti, il-persuna taxxabli kien ikollha taqşam il-fatturat tagħha skont is-setturi tan-negozju.

3.2.3. F'liema munita għandhom jiġu ddenominati l-valuri tan-notifika minn qabel?

Il-valuri tal-provvisti li għandhom jiġu inklużi fin-notifika minn qabel għandhom ikunu denominati f' **euro**. Madankollu, l-Istati Membri li ma adottawx l-euro jistgħu jirrikjedu li l-valuri jiġu espressi fil-muniti nazzjonali tagħhom. Jekk il-provvisti jkunu saru f' muniti oħra, il-konverżjoni għandha ssir billi tiġi applikata r-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-ewwel jum tas-sena kalendarja jew jekk ma jkun hemm l-ebda pubblikazzjoni f' dak il-jum, fil-jum ta' pubblikazzjoni li jmiss.

3.2.4. Kemm idum il-proċess tar-reġistrazzjoni?

Ġeneralment, il-proċess tar-reġistrazzjoni jieħu massimu ta' 35 jum ta' xogħol mill-jum li fih l-Istat Membru tal-istabbiliment jirċievi n-notifika minn qabel sottomessa mill-persuna taxxabli li titlob l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs sakemm l-eżenzjoni ssir effettiva. Dan il-perjodu jista' jkun itwal jekk l-Istati Membri ta' eżenzjoni jeħtieġu aktar żmien biex iwettqu l-verifiki meħtieġa sabiex jipprevjenu sitwazzjonijiet ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. F'dak il-każ, l-Istat Membru ta' eżenzjoni kkonċernat għandu jinforma lill-Istat Membru tal-istabbiliment biex ikun jista' jinforma lill-persuna taxxabli dwar id-dewmien.

Fil-qosor, il-passi huma kif ġej:

- 1.- Il-persuna taxxabli tissottometti lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha n-notifika minn qabel li titlob biex tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru wieħed (jew aktar) ta' eżenzjoni.
- 2.- Fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-Istat Membru tal-istabbiliment irid jivverifika li l-volum ta' tranżazzjonijiet imwettqa mill-persuna taxxabli fis-27 Stat Membru kollha ma jaqbiżx il-livell limitu annwali tal-Unjoni (EUR 100,000) kemm fis-sena kalendarja tan-notifika minn qabel kif ukoll fis-sena kalendarja preċedenti.

3a.- Jekk il-fatturat annwali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli jkun ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jċaħħad lill-persuna taxxabbli mill-aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs¹². Il-proċess jintemm f'dan l-istadju.

3b.- Jekk il-fatturat annwali fl-Unjoni tal-persuna taxxabbli ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-istabbiliment irid jikkondividi l-informazzjoni pprovduta mill-persuna taxxabbli fin-notifika minn qabel lill-Istat Membru ta' eżenzjoni.

4.-Fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-Istat Membru ta' eżenzjoni se jivverifika jekk il-persuna taxxabbli tissodisfax il-kundizzjonijiet nazzjonali biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs, pereżempju li l-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli fit-territorju tiegħu ma jkunx ogħla mil-livell limitu annwali nazzjonali fis-sena kalendarja attwali u fis-sena kalendarja preċedenti (jew fis-sentejn kalendarji preċedenti jekk dan ikun stabbilit mill-Istat Membru ta' eżenzjoni). L-Istat Membru ta' eżenzjoni mbagħad jinforma lill-Istat Membru tal-istabbiliment bir-riżultat.

5.- L-Istat Membru tal-istabbiliment se jinforma lill-persuna taxxabbli dwar l-eżitu:

a) Jekk il-persuna taxxabbli tissodisfa l-kundizzjonijiet nazzjonali biex tapplika l-iskema tal-SMEs transfruntiera fl-Istat Membru li fih trid tapplika l-iskema tal-SMEs: in-numru "EX" assenjat lilha¹³.

b) Jekk il-persuna taxxabbli ma tissodisfax il-kundizzjonijiet nazzjonali biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru li fih trid tapplika l-iskema tal-SMEs: ir-rifjut tat-talba li tiġi applikata l-iskema tal-SMEs motivata kif xieraq.


Meta l-persuna taxxabbli tkun talbet li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jagħti aċċess għal eżenzjoni f'kull Stat Membru, billi joħroġ in-numru "EX" jew jaġġornah lill-Istati Membri l-ġodda fejn tista' tintuża l-eżenzjoni, malli jirċievi tweġiba minn kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri ta' eżenzjoni, minflok ma jistenna t-tweġiba li għandha tasal mill-Istati Membri kollha tal-eżenzjoni. L-Istat Membru tal-istabbiliment se jsegwi l-istess approċċ f'każ li l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni ma jiġux issodisfati.

Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment ma jkunx irċieva tweġiba mill-Istat(i) Membru/i ta' eżenzjoni fi żmien 35 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni tan-notifika minn qabel, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jagħti aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs lill-persuna taxxabbli fl-

¹² F'dan il-każ il-persuna taxxabbli tista' tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jekk il-fatturat annwali tagħha f'dak l-Istat Membru ma jaqbix il-livell limitu annwali nazzjonali. Ara l-mistoqsija 2.1.1 "*X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema domestika tal-SMEs?*".

¹³ Din is-sitwazzjoni tkopri wkoll il-każ fejn il-persuna taxxabbli mhux biss titlob l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat(i) Membru/i ta' eżenzjoni iżda wkoll fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) billi joħroġ in-numru “EX” jew jaġġornah mal-iskadenza tal-perjodu ta’ 35 jum ta’ xogħol. Dan tal-aħħar ma japplikax jekk il-proċedura jkollha tiegħu aktar minn 35 jum ta’ xogħol sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta’ evażjoni jew evitar tat-taxxa.



3.2.5. Meta se tidħol fis-seħħ l-eżenzjoni (data tal-bidu)?

Il-persuna taxxabbli tista’ tibda tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat(i) Membru/i li fih/fihom talbet li tagħmel użu mill-eżenzjoni, mid-data li fiha tirċievi n-numru “EX” maħruġ lilha jew meta dan in-numru “EX” jiġi aġġornat mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha. Id-data tal-bidu tista’ tvarja minn Stat Membru għal ieħor, peress li l-Istat Membru tal-istabbiliment jagħti aċċess għall-eżenzjoni malli jirċievi tweġiba mill-Istati Membri ta’ eżenzjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet nazzjonali biex tiġi applikata l-iskema transfruntiera tal-SMEs.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq tranżazzjonijiet soġġetti għall-VAT fl-Istat Membru 1, fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3. Il-persuna taxxabbli trid tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3 u tissottometti n-notifika minn qabel fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha fl-1 ta’ April 2025. Il-persuna taxxabbli tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs f’dawk l-Istati Membri.

L-Istat Membru tal-istabbiliment jirċievi t-tweġiba mingħand l-Istat Membru 2 fil-21 ta’ April 2025 u mingħand l-Istat Membru 3 fit-28 ta’ April 2025.

L-Istat Membru tal-istabbiliment jagħti aċċess għall-eżenzjoni lill-persuna taxxabbli malli jirċievi d-deċiżjonijiet mill-Istat Membru 2 u mill-Istat Membru 3, u b’hekk:

- *Fit-23 ta' April 2025, l-Istat Membru tal-istabbiliment joħroġ in-numru "EX" u jikkomunikah lill-persuna taxxabbli filwaqt li jindika li tista' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2.*
- *Fl-1 ta' Mejju 2025, l-Istat Membru tal-istabbiliment jaġġorna n-numru "EX" u jikkomunikah lill-persuna taxxabbli filwaqt li jindika li tista' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 3.*

Għalhekk, id-data tal-bidu tal-eżenzjoni hija t-23 ta' April 2025 fl-Istat Membru 2 u l-1 ta' Mejju 2025 fl-Istat Membru 3.

3.2.6. Jista' jsir appell kontra deċiżjoni ta' rifjut?

Iva, kwalunkwe persuna taxxabbli tista' tappella kontra d-deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs.

Jekk ir-raġuni għar-rifjut tkun li l-livell limitu tal-fatturat fl-Unjoni jinqabeż, il-persuna taxxabbli trid tindirizza l-appell lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

Jekk ir-raġuni għar-rifjut tkun li l-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali jinqabeż, il-persuna taxxabbli trid tindirizza l-appell lill-Istat Membru kkonċernat.

L-appelli huma kwistjoni nazzjonali, għalhekk l-Istati Membri se jistabbilixxu r-regoli u l-proċeduri tagħhom stess. L-Istat Membru tal-istabbiliment għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jinforma lill-persuna taxxabbli bir-raġunijiet għar-rifjut biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs u lil liema Stat Membru għandha tindirizza fl-appell tagħha f'każ li tkun trid tikkontesta r-rifjut.

3.2.7. Persuna taxxabbli tista' tapplika biex tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru jew fi Stati Membri għajr dawk indikati fin-notifika minn qabel?

Iva, il-persuna taxxabbli tista' tapplika biex tuża l-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat(i) Membru/i għajr dawk indikati fin-notifika minn qabel.

Biex tagħmel dan, il-persuna taxxabbli trid tissottometti lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha aġġornament għan-notifika minn qabel. L-aġġornament tan-notifika minn qabel għandu jiġi sottomess b'mezzi elettroniċi jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment ikun ippreveda dan¹⁴.

Jistgħu jinqalgħu żewġ sitwazzjonijiet:

- a) Il-persuna taxxabbli diġà qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. F'dan il-każ, il-persuna taxxabbli tindika fl-aġġornament tan-notifika minn qabel l-informazzjoni li ġejja:
 - In-numru "EX" tagħha assenjat lilha mill-Istat Membru tal-istabbiliment.
 - L-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda li fih/fihom il-persuna taxxabbli tixtieq tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs.
 - Informazzjoni dwar il-valur totali ta' provvisti mhux ipprovduta qabel lill-Istat Membru tal-istabbiliment permezz tar-rapporti trimestrali tagħha¹⁵.

L-aġġornament tan-notifika minn qabel (bħala applikazzjoni ġdida) isegwi l-istess proċess ta' reġistrazzjoni bħan-notifika minn qabel sottomessa preċedentement mill-persuna taxxabbli¹⁶. Il-proċedura kollha mhux se tiegħu aktar minn 35 jum ta' xogħol u l-Istat Membru tal-istabbiliment se jinnotifika lill-persuna taxxabbli dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-talba l-ġdida tagħha. Dan il-perjodu jista' jkun itwal jekk l-Istati Membri ta' eżenzjoni jeħtieġu aktar żmien biex iwettqu l-verifiki meħtieġa sabiex jipprevjenu sitwazzjonijiet ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Il-persuna taxxabbli tista' tibda tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda, mid-data li tirċievi l-komunikazzjoni mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha li tista' tuża n-numru "EX" eżistenti tagħha fl-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda.

Wara 35 jum ta' xogħol mis-sottomissjoni tal-aġġornament għan-notifika minn qabel mingħajr ma tirċievi tweġiba mill-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda ta' eżenzjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jagħti lill-persuna taxxabbli aċċess għall-eżenzjoni fl-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda.

¹⁴ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

¹⁵ Ara l-mistoqsija 3.3.1 "X'obbligi ta' rapportar se tiffaċċja l-persuna taxxabbli skont l-iskema transfruntiera tal-SMEs?".

¹⁶ Ara l-mistoqsija 3.2.4 "Kem se jieħu żmien il-proċess tar-reġistrazzjoni?".

- b) Il-persuna taxxabli ssottomettiet in-notifika minn qabel u għadha qed tiġi pproċessata. F'dan il-każ, il-persuna taxxabli trid tistenna li n-numru "EX" tagħha jinħareġ qabel ma titlob li tagħmel użu mill-eżenzjoni fl-Istat(i) Membru/i l-ġdid/ġodda. Il-proċess imbagħad ikun l-istess kif spjegat fil-punt a) hawn fuq.

3.2.8. X'jiġri jekk l-informazzjoni fin-notifika minn qabel tkun ħażina jew mhux kompluta?

Mas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel u qabel ir-riċiviment tan-numru "EX", jekk l-informazzjoni fin-notifika minn qabel tkun żbaljata jew mhux kompluta, il-persuna taxxabli tista' tikkoreġiha jew tlestieha billi tissottometti notifika ġdida minn qabel biex tissostitwixxi dik li ntbagħtet qabel. F'dan il-każ, il-perjodu massimu għall-ipproċessar tan-notifika minn qabel (35 jum ta' xogħol) jibda jgħodd mill-jum li fih il-persuna taxxabli tissottometti n-notifika minn qabel il-ġdida.

Meta jinstabu żbalji wara l-ammissjoni tal-persuna taxxabli għall-iskema transfruntiera tal-SMEs, il-korrezzjoni għandha ssir billi jiġi sottomess aġġornament tan-notifika minn qabel. L-aġġornament għandu dejjem isemmi n-numru "EX" diġà allokat lill-persuna taxxabli.

Jekk, abbażi tal-informazzjoni l-ġdida pprovduta f'aġġornament tan-notifika minn qabel, jirriżulta li l-persuna taxxabli ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs, il-persuna taxxabli tiġi rrifjutata mill-iskema tal-SMEs b'effett retroattiv. Dan ifisser li l-persuna taxxabli se titqies li ma nġhatatx aċċess għall-iskema transfruntiera tal-SMEs mid-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel oriġinali u li hija obbligata li tapplika r-reġim standard tal-VAT – jew proċeduri simplifikati – għall-provvisti tagħha minn dik id-data. Jekk il-persuna taxxabli eżentat mill-VAT il-provvisti tagħha fi Stat Membru wieħed jew aktar wara l-eżitu tan-notifika minn qabel oriġinali, hija jkollha tikkuntattja lill-Istati Membri kkonċernati biex tirregolarizza s-sitwazzjoni tal-VAT tagħha.

3.2.9. X'għandu jsir meta jinbidel l-Istat Membru tal-istabbiliment?

Jekk il-persuna taxxabli li tibbenefika minn skema transfruntiera tal-SMEs tbiddel l-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (minn Stat Membru 1 għal Stat Membru 2) hija trid tissottometti aġġornament għan-notifika minn qabel fl-Istat Membru tal-istabbiliment preċedenti (Stat Membru 1) u tindika l-Istat Membru tal-istabbiliment il-ġdid tagħha (Stat Membru 2).

L-Istat Membru 1 imbagħad jiddiżattiva n-numru “EX” li jkun assenja lill-persuna taxxabli. Il-persuna taxxabli trid tissottometti notifika minn qabel ġdida lill-Istat Membru 2 biex terġa’ tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs u, jekk il-kundizzjonijiet kollha jkunu għadhom issodisfati, l-Istat Membru 2 se joħroġ numru “EX” ġdid.

3.2.10. Jistgħu jsiru emendi oħra għan-notifika minn qabel?

Il-persuna taxxabli trid tinforma lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha permezz ta’ aġġornament tan-notifika minn qabel bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta qabel bin-notifika minn qabel bħal bidla fl-isem, fl-attività jew fl-indirizz tal-persuna taxxabli.

3.3. Obbligi formali

3.3.1. X’obbligi ta’ rapportar se tiffaċċja l-persuna taxxabli skont l-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Persuna taxxabli li tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs trid tissottometti **rapporti trimestrali** lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha għall-provvisti kollha ta’ oġġetti u servizzi li tagħmel fl-Istati Membri kollha.

Ir-rapporti trimestrali għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

- in-numru “EX” tal-persuna taxxabli.
- il-valur totali tal-provvisti (eżentati jew intaxxati) imwettqa matul it-trimestru kalendarju fl-Istat Membru tal-istabbiliment jew “0” jekk ma jkunu saru l-ebda provvisti.
- il-valur totali tal-provvisti (eżentati jew intaxxati) imwettqa matul it-trimestru kalendarju f’kull Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment jew “0” jekk ma jkunu saru l-ebda provvisti.

Jekk l-Istati Membri li jagħtu l-eżenzjoni jkunu stabbilew livelli limiti differenti għal setturi tan-negozju differenti, il-valur totali tal-provvisti għandu jiġi speċifikat separatament għal kull livell limitu¹⁷.

Il-valuri tal-provvisti li għandhom jiġu inklużi fir-rapport trimestrali huma l-valuri użati għall-kalkolu tal-fatturat annwali¹⁸.

¹⁷ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

¹⁸ Ara l-mistoqsija 1.6 “*Kif jiġi kkalkulat il-fatturat annwali?*”.

Il-valuri tal-provisti li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti trimestrali għandhom ikunu denominati f'euro. Madankollu, l-Istati Membri li ma adottawx l-euro jistgħu jirrikjedu li l-valuri jiġu espressi fil-munita nazzjonali tagħhom. Għal kwalunkwe konverżjoni, il-persuna taxxabli se tuża r-rata tal-kambju ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-ewwel jum tas-sena kalendarja jew jekk ma jkun hemm l-ebda pubblikazzjoni f'dak il-jum, fil-jum ta' pubblikazzjoni li jmiss.

Il-persuna taxxabli hija meħtieġa li tissottometti r-rapport trimestrali lill-Istat Membru tal-istabbiliment fi żmien xahar mit-tmiem tat-trimestru kalendarju.

TRIMESTRU KALENDARJU	SOTTOMISSJONI TA' DIKJARAZZJONI
T1: Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	1–30 ta' April
T2: Mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju	1–31 ta' Lulju
T3: Mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru	1–31 ta' Ottubru
T4: Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru	1–31 ta' Jannar tas-sena ta' wara

Ir-rapport trimestrali għandu jiġi sottomess b'mezzi elettroniċi jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment ikun ippreveda dan¹⁹.

3.3.2. X'valuri għandhom jiġu inklużi fl-ewwel rapport trimestrali?

Peress li d-data li fiha tiġi sottomessa n-notifika minn qabel hija differenti mid-data li fiha persuna taxxabli tista' tibda tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs, dan jista' jirriżulta f'duplikazzjoni jew f'informazzjoni nieqsa fl-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess.

Biex dan jiġi evitat, huma previsti żewġ sitwazzjonijiet:

- a) In-notifika minn qabel tiġi sottomessa fi trimestru kalendarju wieħed u fit-trimestru kalendarju ta' wara, il-persuna taxxabli tirċievi n-numru "EX" tagħha biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs.

¹⁹ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

F'dan il-każ, l-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess skont l-iskema transfruntiera tal-SMEs għandu jinkludi l-valur tal-provvisti magħmula fit-trimestru kalendarju kopert mir-rapport trimestrali u separatament il-valur totali tal-provvisti li jkunu saru bejn id-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel u l-aħħar jum tat-trimestru kalendarju li jikkorrispondi għan-notifika minn qabel.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabbli tissottometti notifika minn qabel fl-14 ta' Marzu 2025 u tirċievi n-numru "EX" tagħha fil-15 ta' April 2025. L-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess mill-persuna taxxabbli skont l-iskema tal-SMEs jikkorrispondi għat-tieni trimestru (T2) tal-2025 li fih se jinkludi l-valuri li ġejjin:

- Il-valur totali tal-provvisti magħmula fix-xhur ta' April, Mejju u Ġunju 2025.

- Il-valur totali tal-provvisti magħmula bejn id-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel (l-14 ta' Marzu 2025) u l-aħħar jum tal-ewwel trimestru kalendarju (il-31 ta' Marzu 2025).

EŻEMPJU:

Persuna taxxabbli tissottometti notifika minn qabel fil-15 ta' Diċembru 2025 u tirċievi n-numru "EX" tagħha fl-14 ta' Jannar 2026. L-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess mill-persuna taxxabbli skont l-iskema tal-SMEs jikkorrispondi għall-ewwel trimestru (T1) tal-2026 li fih se jinkludi l-valuri li ġejjin:

- Il-valur totali tal-provvisti magħmula fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2026.

- Il-valur totali tal-provvisti magħmula bejn id-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel (il-15 ta' Diċembru 2025) u l-aħħar jum tar-raba' trimestru kalendarju (il-31 ta' Diċembru 2025).

- b) In-notifika minn qabel tiġi sottomessa u l-persuna taxxabbli tirċievi n-numru ta' identifikazzjoni "EX" individwali tagħha biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-istess trimestru kalendarju.

F'dan il-każ, l-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess skont l-iskema transfruntiera tal-SMEs għandu jinkludi biss il-valur tal-provvisti magħmula bejn id-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel u l-aħħar jum tat-trimestru kalendarju kopert minn dak ir-rapport trimestrali.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli tissottometti notifika minn qabel fil-15 ta' Lulju 2025 u tirċievi n-numru "EX" tagħha fl-10 ta' Awwissu 2025. L-ewwel rapport trimestrali li għandu jiġi sottomess mill-persuna taxxabli jikkorrispondi għat-tielet trimestru (T3) tal-2025 li fih se jinkludi l-valuri li ġejjin:

- Il-valur totali tal-provvisti magħmula bejn id-data tas-sottomissjoni tan-notifika minn qabel (il-15 ta' Lulju 2025) u l-aħħar jum tat-tielet trimestru kalendarju (it-30 ta' Settembru 2025).

Il-valur tal-provvisti li saru bejn l-1 ta' Lulju u l-15 ta' Lulju 2025 huwa diġà inkluż fin-notifika minn qabel.

3.3.3. X'jiġri jekk l-informazzjoni fir-rapport trimestrali tkun żbaljata? (korrezzjoni tar-rapporti trimestrali)

Jekk persuna taxxabli ssib żbalji f'rapport trimestrali jew tranżazzjoni mwettqa fit-trimestru kalendarju tiġi kkanċellata (pereżempju, dikjarazzjonijiet ta' oġġetti), il-korrezzjoni għandha ssir permezz ta' sottomissjoni mill-ġdid tar-rapport trimestrali oriġinali u trid issir malli jinstab l-iżball.

L-iskadenza għall-korrezzjoni ta' rapport trimestrali hija ta' tliet snin.

3.3.4. X'jiġri jekk ir-rapporti trimestrali ma jiġux sottomessi jew jiġu sottomessi tard?

F'każijiet bħal dawn, persuna taxxabli tista' tkompli tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, iżda kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li jagħti l-eżenzjoni jista' jirrikjedi li l-persuna taxxabli tissodisfa l-obbligi tal-VAT fit-territorju tagħhom b'tali mod li tkun irreġistrata għall-finijiet tal-VAT u tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT²⁰, u b'hekk tiflew il-vantaġġ li tkun eżentata minn dawn l-obbligi. Jekk ukoll, il-persuna taxxabli xorta tonqos milli tikkonforma mal-obbligi tal-VAT, l-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni jista' jimponi penali.

Rapport trimestrali jitqies li ġie sottomess tard meta l-persuna taxxabli tissottomettieħ tard b'aktar minn 30 jum jew meta konsekuttivament żewġ rapporti trimestrali jew aktar jiġu sottomessi tard.

²⁰ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

3.3.5. Il-persuna taxxabli għandha toħroġ fatturi?

L-Istati Membri jistgħu jeħilsu persuna taxxabli li tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fit-territorju tagħhom mill-obbligu li toħroġ fatturi. F'każ li Stat Membru jiddeċiedi li ma jeħlisx lill-persuna taxxabli mill-obbligu li toħroġ fatturi, huwa se jippermetti lill-persuna taxxabli toħroġ fatturi simplifikati.

Aktar informazzjoni dwar ir-regoli applikabbli fl-Istat Membru tal-istabbiliment tiegħek u fl-Istati Membri l-oħra kollha hija disponibbli fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

3.3.6. Il-persuna taxxabli għandha tkun irreġistrata u tissottometti dikjarazzjonijiet tal-VAT?

Le, meta persuna taxxabli tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, hija meħtieġa biss li tissottometti notifika minn qabel u tissottometti rapporti trimestrali fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha. Għalhekk, fi Stat Membru ta' eżenzjoni, mhux se jkun meħtieġ li tirreġistra għall-finijiet tal-VAT u tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT fir-rigward tal-provvisti tagħha koperti mill-eżenzjoni f'dak l-Istat Membru.

Barra minn hekk, jekk il-persuna taxxabli tkun qed tibbenefika wkoll mill-iskema tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, lanqas ma tkun meħtieġa li tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT fir-rigward tal-provvisti koperti mill-eżenzjoni fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

Madankollu, ta' min ifakkar li l-iskema tal-SMEs tkopri biss il-provvisti. Għalhekk, persuna taxxabli li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs trid tissodisfa l-obbligi tal-VAT tagħha u tħallas il-VAT fuq ix-xiri li għalih hija responsabbli li tħallas il-VAT: pereżempju, meta tagħmel importazzjonijiet, akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u xiri ta' servizzi bl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge²¹.

3.4. Il-ħruġ mill-iskema transfruntiera tal-SMEs

Persuna taxxabli tista' toħroġ mill-iskema transfruntiera tal-SMEs b'mod volontarju (waqfien), jew tista' tiġi eskluża mill-iskema (esklużjoni) meta l-kundizzjonijiet biex tuża l-iskema transfruntiera tal-SMEs ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

²¹ Ara aktar informazzjoni fit-Taqsima 6, tan-Noti ta' Spjegazzjoni dwar il-bidliet tal-VAT tal-UE fir-rigward tal-iskema speċjali għall-imprezzi ż-żgħar. "INTERAZZJONI MAR-REĠIM STANDARD TAL-VAT".

F'każ ta' esklużjoni, il-persuna taxxabli hija pprojbita milli tuża l-iskema transfruntiera tal-SMEs għal ċertu perjodu. Il-persuna taxxabli tista' wkoll tiġi pprojbita mal-waqfien.

3.4.1. Waqfien

3.4.1.1. Kif tieqaf tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Jekk persuna taxxabli tiddeċiedi li tieqaf tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs f'xi wħud mill-Istati Membri ta' eżenzjoni jew fl-Istati Membri kollha jew meta l-attività ekonomika tagħha tkun waqfet, il-persuna taxxabli trid tinforma lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha dwar dan billi tissottometti aġġornament għan-notifika minn qabel.

3.4.1.2. Meta se jidħol fis-seħħ il-waqfien?

Il-waqfien se jidħol fis-seħħ:

- Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment jirċievi l-aġġornament għan-notifika minn qabel matul l-ewwel xahrejn ta' trimestru kalendarju, mill-ewwel jum tat-trimestru kalendarju li jmiss.
- Jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment jirċievi l-aġġornament għan-notifika minn qabel matul l-aħħar xahar ta' trimestru kalendarju, mill-ewwel jum tat-tieni xahar tat-trimestru kalendarju li jmiss.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli li tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 1 tixtieq tieqaf tapplikaha. Biex tagħmel dan, il-persuna taxxabli tissottometti aġġornament għan-notifika minn qabel li tasal għand l-Istat Membru tal-istabbiliment fl-20 ta' Awwissu 2026. F'dan il-każ, il-waqfien jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Ottubru 2026.

Li kieku l-Istat Membru tal-istabbiliment kien irċieva l-aġġornament tan-notifika minn qabel fil-15 ta' Settembru 2026, il-waqfien kien jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 2026.

Ladarba l-persuna taxxabli tkun issottomettiet l-aġġornament għan-notifika minn qabel fejn tinforma dwar il-waqfien tal-iskema transfruntiera tal-SMEs, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jipproċedi mingħajr dewmien għal waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

- a) Jekk il-persuna taxxabli ma tibqax tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istati Membri kollha li fihom kienet qed tapplika l-iskema speċjali: DIŻATTIVAZZJONI TAN-NUMRU "EX" tal-persuna taxxabli.

- b) Jekk il-persuna taxxabli tiegħi tapplika biss l-iskema transfruntiera tal-SMEs f'xi Stati Membri filwaqt li tkompli tapplikaha f'oħrajn: in-NUMRU "EX" tal-persuna taxxabli JIBQA' ATTIV u l-INFORMAZZJONI dwar l-Istati Membri li għalihom in-numru "EX" jagħti aċċess għall-eżenzjoni huwa AĠĠORNAT.

3.4.1.3. Meta tista' persuna taxxabli tapplika mill-ġdid l-iskema transfruntiera tal-SMEs wara li toħroġ mill-iskema speċjali b'mod volontarju?

Ir-regoli u l-kundizzjonijiet dettaljati għall-ħruġ volontarju mill-iskema huma definiti mill-Istati Membri. Fil-każ ta' ħruġ volontarju mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jipprevedi perjodu ta' kwarantana li matulu l-persuna taxxabli ma tkunx tista' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. Fi tmiem dan il-perjodu, il-persuna taxxabli tista' terġa' tagħżel li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)) permezz tas-sottomissjoni ta' notifika minn qabel jew aġġornament tan-notifika minn qabel, skont il-każ.

3.4.2. Esklużjoni

3.4.2.1. Meta se tiġi eskluża persuna taxxabli mill-iskema transfruntiera tal-SMEs?

Persuna taxxabli li tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs hija eskluża minn din l-iskema speċjali fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- Meta taqbeż il-livell limitu annwali tal-Unjoni (EUR 100,000) matul is-sena kalendarja attwali jew fis-sena kalendarja preċedenti.
- Meta taqbeż il-livell limitu annwali nazzjonali ta' Stat Membru li jagħti l-eżenzjoni matul is-sena kalendarja attwali jew fis-sena kalendarja preċedenti.
- Meta tkun waqqfet l-attività ekonomika tagħha iżda ma kkomunikatiex lill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

3.4.2.2. X'jiġri meta l-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni?

Kif imsemmi hawn fuq, meta persuna taxxabli li tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs taqbeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti jew matul is-sena kalendarja attwali, din se tiġi eskluża minn dik l-iskema minn dak il-mument. Dan ifisser li mill-mument li jinqabeż il-limitu annwali tal-Unjoni:

- Il-persuna taxxabli trid tiegħ tapplika l-iskema tal-SMEs transfruntiera fl-Istati Membri kollha fejn kienet qed tapplika l-iskema u,
- Il-persuna taxxabli ma tistax tapplika l-iskema tal-SMEs transfruntiera fi Stati Membri ġodda (għajr dawk fejn diġà kienet qed tapplika l-iskema speċjali). Il-persuna taxxabli tista' tkun intitolata li tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha²².

Konsegwentement, l-Istat Membru tal-istabbiliment, mingħajr dewmien, **jiddiżattiva n-numru "EX"** li jkun assenja lill-persuna taxxabli għall-finijiet tal-iskema transfruntiera tal-SMEs.

Meta l-persuna taxxabli tiġi eskluża mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, hija trid tapplika r-reġim standard tal-VAT f'kull Stat Membru fejn kienet qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. Tista' tagħżel ukoll li tapplika l-proċeduri simplifikati għall-impożizzjoni u l-ġbir tal-VAT, jekk ikun il-każ, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 qed tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3. Il-persuna taxxabli twettaq ukoll tranżazzjonijiet fl-Istat Membru 4 skont is-sistema standard tal-VAT. Fit-30 ta' Diċembru 2026, il-fatturat fl-Unjoni tal-persuna taxxabli huwa ta' EUR 99,300. Fil-31 ta' Diċembru 2026, il-persuna taxxabli tagħmel provvista ġdida fl-Istat Membru 3 ta' EUR 1,000.

	Ammonti (EUR)
Fatturat fl-Unjoni mill-1/1/2026 sat-30/12/2026	99,300
Provvista fil-31/12/2026 fl-Istat Membru 3	1,000
Fatturat fl-Unjoni mill-1/1/2026 sal-31/12/2026	100,300
Livell limitu tal-Unjoni	100,000

Minħabba li fil-31 ta' Diċembru 2026, il-fatturat fl-Unjoni tal-persuna taxxabli (EUR 100,300) huwa ogħla mil-livell limitu annwali tal-Unjoni (EUR 100,000):

- *Il-persuna taxxabli trid tiegħ tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3 fil-31 ta' Diċembru 2026 u l-perjodu ta' kwarantana jibda f'dik id-data.*

²² Ara l-mistoqsija 2.1.1 "X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema domestika tal-SMEs?".

- *Il-persuna taxxabli trid tapplika r-reġim standard tal-VAT (tirreġistra għall-VAT, tissottometti dikjarazzjoni tal-VAT ...) jew il-proċeduri simplifikati fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3 fil-31 ta' Diċembru 2026 mill-provvista ta' EUR 1,000 peress li hija l-ewwel provvista li tikkawża li l-livell limitu tal-Unjoni jinqabeż. Għalhekk, il-persuna taxxabli ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 1,000 fl-Istat Membru 3, iżda trid timponi l-VAT fuqha.*
- *Il-persuna taxxabli ma tistax titlob l-applikazzjoni tal-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 4. Hija tista' tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha (Stat Membru 1) jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha.*

3.4.2.3. Il-persuna taxxabli trid tirrapporta meta taqbeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni?

Iva, meta jinqabeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni (EUR 100,000), il-persuna taxxabli trid tinforma lill-Istat Membru tal-istabbiliment fi żmien 15-il jum ta' xogħol mill-jum li fih ikun inqabeż il-livell limitu permezz tas-sottomissjoni ta' **rapport finali** bl-informazzjoni li ġejja:

- il-valur totali tal-provvisti mwettqa fl-Istat Membru tal-istabbiliment mill-bidu tat-trimestru kalendarju attwali sad-data li fiha jkun inqabeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni.
- il-valur totali tal-provvisti mwettqa f'kull wieħed mill-Istati Membri għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment mill-bidu tat-trimestru kalendarju attwali sad-data li fiha jkun inqabeż il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni.

Din l-informazzjoni kollha għandha tiġi sottomessa b'mezzi elettroniċi jekk l-Istat Membru tal-istabbiliment ikun ippreveda dan²³.


Jekk il-persuna taxxabli ma tissottomettix ir-rapport finali fi żmien 15-il jum ta' xogħol, l-Istat Membru tal-istabbiliment jista' jimponi sanzjonijiet fuq il-persuna taxxabli.

3.4.2.4. X'inhu l-perjodu ta' kwarantina?

Meta l-persuna taxxabli tiġi eskluża mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, hija ma tkunx tista' terġa' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs għal perjodu ta' żmien, jiġifieri l-perjodu ta' kwarantina.

Il-perjodu ta' kwarantina jibda mill-mument li jinqabeż il-livell limitu annwali tal-Unjoni u se jkopri l-bqija tas-sena kalendarja attwali u s-sena kalendarja ta' wara.

²³ Ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).



Ladarba l-perjodu ta' kwarantina jkun spiċċa, il-persuna taxxabli tista' tissottometti notifika minn qabel ġdida biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs għal darb'oħra f'dawk l-Istati Membri fejn kienet applikata qabel (jew tapplikaha fi Stati Membri ġodda) dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha.

EŻEMPJU:

Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 qed tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3. Il-persuna taxxabli twettaq ukoll tranżazzjonijiet fl-Istat Membru 4 skont is-sistema standard tal-VAT. Fit-12 ta' Ottubru 2026, il-fatturat fl-Unjoni tal-persuna taxxabli huwa ta' EUR 98,000. Fit-13 ta' Ottubru 2026 il-persuna taxxabli tagħmel provvista ġdida fl-Istat Membru 4 EUR 2,100.

	Ammonti (EUR)
Fatturat fl-Unjoni mill-1/1/2026 sat-12/10/2026	98,000
Provvista fit-13/10/2026 fl-Istat Membru 4	2,100
Fatturat fl-Unjoni mill-1/1/2026 sat-13/10/2026	100,100
Livell limitu tal-Unjoni	100,000

Minħabba li fit-13 ta' Ottubru 2026, il-fatturat fl-Unjoni tal-persuna taxxabli (EUR 100,100) huwa ogħla mill-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni (EUR 100,000):

- *Il-persuna taxxabli trid tiegħ tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u fl-Istat Membru 3 fit-13 ta' Ottubru 2026 u l-perjodu ta' kwarantina jibda fit-13 ta' Ottubru 2026. Għalhekk, il-persuna taxxabli ma tistax teżenta mill-VAT il-provvista ta' EUR 2,100, iżda għandha timponi l-VAT fuqha.*
- *Il-perjodu ta' kwarantina jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2027.*

- *Mill-1 ta' Jannar 2028, il-persuna taxxabli tista' tissottometti notifika minn qabel ġdida biex tapplika mill-ġdid l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2, fl-Istat Membru 3 kif ukoll biex tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stati Membri oħra jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha (li ma jinqabiżx il-fatturat annwali fl-Unjoni, li ma jinqabiżx il-livell imitu tal-fatturat annwali nazzjonali).*

3.4.2.5. Tista' persuna taxxabli tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jekk jinqabeż il-livell limitu annwali tal-Unjoni?

Anki jekk il-persuna taxxabli tkun qabżet il-livell limitu tal-fatturat annwali fl-Unjoni, hija tista' tkompli tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha dment li din ma taqbiżx il-livell limitu tal-fatturat annwali f'dak l-Istat Membru.

3.4.2.6. X'jiġri jekk il-persuna taxxabli taqbeż biss il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali?

Meta persuna taxxabli li tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru taqbeż il-livell limitu annwali nazzjonali matul is-sena kalendarja attwali jew fis-sena kalendarja preċedenti, hija se tiġi eskluża minn dik l-iskema f'dak l-Istat Membru partikolari biss. Il-persuna taxxabli tista' tkompli tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat(i) Membru/i ieħor/oħra ta' eżenzjoni.

L-esklużjoni mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru ta' eżenzjoni topera bħall-esklużjoni mill-iskema domestika tal-SMEs²⁴.

Għalhekk, id-data effettiva li minnha l-persuna taxxabli trid tiegaf tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru f'każ li jinqabeż il-livell limitu annwali nazzjonali matul sena kalendarja se tiddependi fuq l-għażla eżerċitata minn dak l-Istat Membru²⁵:

- a) B'mod awtomatiku, jekk il-livell limitu nazzjonali jinqabeż b'mhux aktar minn 10 %, il-persuna taxxabli se tkun tista' tkompli tibbenefika mill-iskema transfruntiera tal-SMEs sa tmiem dik is-sena kalendarja. Madankollu, jekk il-livell limitu nazzjonali jinqabeż b'aktar minn 10 %, il-persuna taxxabli trid tiegaf tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs biss fl-Istat Membru ta' eżenzjoni kkonċernat minn dak iż-żmien.

²⁴ Ara l-mistoqsija 2.3.2,1 "Meta persuna taxxabli hija eskluża mill-iskema domestika tal-SMEs?", il-mistoqsija 2.3.2,2 "X'inhu l-perjodu ta' kwarantina?" u l-mistoqsija 2.3.2,3 "X'inhuma l-konsegwenzi tal-esklużjoni?".

²⁵ Ara l-għażla eżerċitata minn kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#).

- b) Imbagħad, jista' jkun li l-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni jkun iddeċieda li jgħolli l-limitu massimu minn 10 % għal 25 % jew, alternattivament, li ma jstabilixxi l-ebda limitu massimu. Dawn l-għażliet għandhom l-uniku limitu li ma jstgħux jirriżultaw fl-eżenzjoni ta' persuna taxxabli li l-fatturat tagħha fl-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni jaqbeż l-EUR 100,000 fis-sena kalendarja attwali.
- c) Fl-aħħar nett, l-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni seta' ddetermina wkoll li l-iskema transfruntiera tal-SMEs se tiegħi tapplika fit-territorju tiegħu miż-żmien meta jinqabeż il-livell limitu nazzjonali.

Bħala konsegwenza tal-esklużjoni mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, l-Istat Membru tal-istabiliment se jipproċedi mingħajr dewmien għal waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

- Jekk il-persuna taxxabli taqbeż il-livell limitu annwali nazzjonali fl-Istati Membri kollha fejn kienet qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs: DIŻATTIVAZZJONI TAN-NUMRU "EX" tal-persuna taxxabli.
- Jekk il-persuna taxxabli taqbeż biss il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali f'xi wħud mill-Istati Membri fejn kienet qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs: in-NUMRU "EX" tal-persuna taxxabli JIBQA' ATTIV u l-INFORMAZZJONI dwar l-Istati Membri li għalihom in-numru "EX" jagħti aċċess għall-eżenzjoni huwa AĠĠORNAT.

Meta l-persuna taxxabli tiġi eskluża mill-iskema transfruntiera tal-SMEs, hija trid tapplika r-reġim standard tal-VAT f'kull Stat Membru fejn kienet qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs. Tista' tagħżel ukoll li tapplika l-proċeduri simplifikati għall-impożizzjoni u l-ġbir tal-VAT, jekk ikun il-każ, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).


3.4.2.7. X'inhu l-perjodu ta' kwarantina meta jinqabeż il-livell limitu tal-fatturat annwali nazzjonali?

Meta persuna taxxabli tiġi eskluża mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru, il-perjodu ta' kwarantina huwa l-perjodu ta' żmien li matulu l-persuna taxxabli ma tistax terġa' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs f'dak l-Istat Membru.


Il-perjodu ta' kwarantina mill-iskema transfruntiera tal-SMEs fi Stat Membru ta' eżenzjoni japplika bħala l-perjodu ta' kwarantina mill-iskema domestika tal-SMEs²⁶.

Għalhekk, il-perjodu ta' kwarantina jibda mill-mument li jinqabeż il-livell limitu annwali nazzjonali jew il-limitu massimu stabbilit mill-Istat Membru li jagħti l-eżenzjoni (skont l-għażla magħżula mill-Istat Membru) u jkopri l-bqija tas-sena kalendarja attwali u s-sena kalendarja ta' wara.

²⁶ Ara l-mistoqsija 2.3.2,2 "X'inhu l-perjodu ta' kwarantina?".



Il-perjodu ta' kwarantina jista' jiġi estiż għal sentejn kalendarji ta' wara, skont l-għażla tal-Istat(i) Membru/i li jagħti/jagħtu l-eżenzjoni (ara l-informazzjoni disponibbli għal kull Stat Membru fuq il-[portal tal-web tal-SMEs](#)).



Ladarba l-perjodu ta' kwarantina jkun skada, il-persuna taxxabli tista' tissottometti aġġornament għan-notifika minn qabel (jew notifika minn qabel ġdida, skont il-każ) biex terġa' tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru kkonċernat jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha.

3.4.2.8. L-Istat Membru tal-istabbiliment jew l-Istat Membru ta' eżenzjoni meta jistgħu jassumu li persuna taxxabli waqqfet l-attività ekonomika tagħha?

Jekk għal tmien trimestri kalendarji konsekuttivi (fir-rapporti trimestrali tagħha) persuna taxxabli tkun irrapportat li ma għamlitx provvisti fl-Istati Membri kollha jew f'xi wħud minnhom li fihom kienet qed tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs, l-Istat Membru tal-istabbiliment għandu jassumi, fin-nuqqas ta' informazzjoni kuntrarja, li l-persuna taxxabli waqqfet l-attività ekonomika tagħha f'dawk l-Istati Membri.

F'dak il-każ, l-Istat Membru tal-istabbiliment se jiddiżattiva jew jadatta n-numru "EX" tal-persuna taxxabli skont jekk jiġix preżunt li l-persuna taxxabli waqqfet l-attività ekonomika tagħha fl-Istati Membri kollha jew f'xi wħud minnhom biss.

4. Tnaqqis tal-VAT tal-input

Persuna taxxabli li tapplika l-iskema tal-SMEs, jew l-iskema domestika tal-SMEs jew l-iskema transfruntiera tal-SMEs, se teżenta mill-VAT il-provvisti tagħha iżda mhux se tkun tista' tnaqqas il-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħha ta' oġġetti u/jew servizzi użati biex isiru dawk il-provvisti.


Din it-taqsimha se tiġi indirizzata permezz ta' eżempji biex ikun aktar faċli li wieħed jifhem.

4.1. Skema domestika tal-SMEs

Eżempju 1: Persuna taxxabli twettaq attività ekonomika fl-Istat Membru tal-stabbiliment tagħha biss u tapplika l-iskema domestika tal-SMEs f'dak l-Istat Membru.

Il-persuna taxxabli tixtri oġġetti u servizzi fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha mingħand fornituri li jinsabu fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi mhux tal-UE. Dawk l-oġġetti u servizzi jintużaw biex isiru l-provvisti eżentati tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

Skont l-iskema domestika tal-SMEs, il-persuna taxxabli tħallas il-VAT fuq ix-xiri tagħha, iżda ma tistax tnaqqasha.



Eżempju 2: Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq żewġ tipi ta' attivitajiet ekonomiċi f'dak l-Istat Membru:

- Attività A.
- Attività B, li hija eskluża mill-applikazzjoni tal-iskema tal-SMEs.

Il-persuna taxxabli tapplika biss l-iskema domestika tal-SMEs għall-attività A peress li l-attività B hija eskluża mill-iskema tal-SMEs. Għalhekk, il-persuna taxxabli għandha tapplika r-reġim standard tal-VAT għall-attività B u timponi l-VAT fuq il-klijenti tagħha għal provvisti magħmula taħt dik l-attività.

Il-persuna taxxabli tixtri l-oġġetti u s-servizzi li ġejjin mingħand fornituri li jinsabu fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi mhux tal-UE:

- Oġġetti u servizzi użati biex isiru provvisti taħt l-attività A.
- Oġġetti u servizzi użati biex isiru provvisti taħt l-attività B.
- Oġġetti u servizzi użati biex isiru provvisti għaż-żewġ attivitajiet (kompjuters, tagħmir tal-uffiċċju, elettriku, eċċ., jiġifieri, spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi).

Il-persuna taxxabli tista' tnaqqas il-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħha kif ġej:

- Ebda tnaqqis tal-VAT tal-input fuq ix-xiri għall-attività A tagħha.
- Tnaqqis sħiħ tal-VAT tal-input fuq ix-xiri għall-attività B tagħha.
- Tnaqqis parzjali (*pro rata*) tal-VAT tal-input fuq ix-xiri konġunt kemm għall-attività A kif ukoll għall-attività B²⁷.

Eżempju 3: Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq provvisti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fl-Istat Membru 2. Hija tapplika l-iskema domestika tal-SMEs fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha sabiex il-provvisti tagħha f'dak l-Istat Membru jkunu eżentati mill-VAT. Il-persuna taxxabli tapplika r-reġim standard tal-VAT fl-Istat Membru 2 u timponi l-VAT fuq il-klijent tagħha f'dak l-Istat Membru.


Il-persuna taxxabli tixtri l-oġġetti u s-servizzi li ġejjin fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha mingħand fornituri li jinsabu fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi mhux tal-UE:

- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

²⁷ Il-persuna taxxabli tista' tikkonsulta lill-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha għal aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regola *pro rata*.

- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru 2.
- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fiż-żewġ Stati Membri (spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi).

F’dan il-każ, il-persuna taxxabbli ma tistax tnaqqas il-VAT tal-input fuq kwalunkwe wieħed mix-xiri tagħha.




4.2. Skema transfruntiera tal-SMEs

Eżempju 4: Persuna taxxabbli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq provvisti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fl-Istat Membru 2. Hija tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fiż-żewġ Stati Membri, u għalhekk il-provvisti tagħha huma eżentati mill-VAT.

Il-persuna taxxabbli tixtri l-oġġetti u s-servizzi li ġejjin fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha mingħand fornituri li jinsabu fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fi Stati Membri oħra u f’pajjiżi mhux tal-UE:

- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.
- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru 2.
- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fiż-żewġ Stati Membri (spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi).

F'dan il-każ, il-persuna taxxabli ma tistax tnaqqas il-VAT tal-input fuq kwalunkwe wieħed mix-xiri użat biex isiru provvisti eżentati fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha jew fl-Istat Membru 2.



Eżempju 5: Persuna taxxabli stabbilita fl-Istat Membru 1 twettaq provvisti fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u fl-Istat Membru 2. Hija tapplika r-reġim standard tal-VAT fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha u timponi l-VAT fuq il-klijent tagħha f'dak l-Istat Membru. Il-persuna taxxabli tapplika l-iskema transfruntiera tal-SMEs fl-Istat Membru 2 u għalhekk il-provvisti tagħha f'dak l-Istat Membru huma eżentati mill-VAT.

Il-persuna taxxabli tixtri l-oġġetti u s-servizzi li ġejjin fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha mingħand fornituri li jinsabu fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha, fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi mhux tal-UE:

- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.
- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fl-Istat Membru 2.
- Oġġetti u servizzi użati biex tagħmel il-provvisti tagħha fiż-żewġ Stati Membri (spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi).

F'dan il-każ, il-persuna taxxabli tista' tnaqqas il-VAT tal-input fuq ix-xiri tagħha bil-mod li ġejj:

- Tnaqqis sħiħ tal-VAT tal-input fuq xiri użat biex isiru provvisti intaxxati fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha.

- L-ebda tnaqqis tal-VAT tal-input fuq ix-xiri użat biex isiru provvisti eżentati fl-Istat Membru 2.
- Tnaqqis parzjali (*pro rata*) tal-VAT tal-input fuq ix-xiri użat biex isiru provvisti fiż-żewġ Stati Membri²⁸.

²⁸ Il-persuna taxxabli tista' tikkonsulta lill-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru tal-istabiliment tagħha għal aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regola *pro rata*.

